# QORTI KOSTITUZZJONALI

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 13 ta' Frar 2017**

**Numru 8**

**Rikors numru 43/13 LSO**

**Alfred Zaffarese**

**v.**

**L-Avukat Generali u l-Kummissarju tal-Pulizija**

**Il-Qorti:**

Preliminari

1. Dawn huma zewg appelli wiehed maghmul mill-intimati u l-iehor maghmul mir-rikorrent, minn sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili [Sede Kostituzzjonali] datata 26 ta' Mejju 2016 [is-sentenza appellata] li permezz taghha, dik il-Qorti ddecidiet ir-rikors billi, filwaqt li laqghet l-eccezzjoni ta' intempestivita` ssollevata mill-intimati in kwantu

tirreferi ghall-applikazzjoni tal-Artikolu 39[1] tal-Kostituzzjoni u tal-Artikolu 6[1] tal-Konvenzjoni Ewropea – salv dak li riferibbli ghall-interrogatorju maghmul minn Peter Paul Zammit - iddisponiet mit-talbiet tar-rikorrent billi sabet li dan sofra lezjoni tad-dritt tieghu ghas-smigh xieraq sancit bl-Artikolu 6 [1] u [3] tal-Konvenzjoni in kwantu hu gie assoggettat ghal interrogatorju illegali u abbuziv minn Peter Paul Zammit qabel ma dan kien gie reintegrat bhala membru tal-Korp tal-Pulizija sew bhala Supretendent sew bhala Kummissarju tal-Pulizija, u cahdet it-talbiet rimanenti; u bhala rimedju ghal tali lezjoni, l-ewwel Qorti ordnat li dan il-gudikat jingieb a konjizzjoni ta' dik il-Qorti illi ser tiddetermina l-proceduri kriminali kontra l-istess rikorrent.

Mertu

2. Permezz tal-proceduri odjerni, ir-rikorrenti qed jitlob dikjarazzjoni gudizzjarja ta lezjoni ta' drittijiet tieghu ghal smigh xieraq hekk kif protett mill-Artikoli 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni. Huwa jilmenta li gie lez id-dritt tieghu ghall-prezunzjoni tal-innocenza u ghal smigh xieraq minn qorti indipendenti u imparzjali, u dan b'referenza ghal konferenza stampa mizmuma mill-Ministru tal-Edukazzjoni u Xoghol, kif ukoll b'refrenza ghall-interrogazzjoni li saritlu minn Peter Paul Zammit. Dwar il-konferenza stampa, ir-rikorrent jilmenta mill-fatt li l-Ministru Evarist Bartolo tkellem dwar il-proceduri kriminali li kienu ttiehdu fil-konfront tieghu u mar oltre l-limiti konsentiti lilu, bir-rizultat li ppregudika d-dritt

tieghu ghal smigh xieraq kif ukoll dak tal-prezunzjoni tal-innocenza, mentri b'referenza ghall-interrogazzjoni allegatament abuziva, ir-rikorrent jissottometti illi dak iz-zmien Peter Paul Zammit ma kienx membru tal-korp tal-Pulizija. F'dan l-isfond, ir-rikorrent isostni li l-proceduri kriminali li tittiehdu fil-konfront tieghu huma lezivi tad-drittijiet fundamentali tieghu.

## Is-Sentenza Appellata

3. Tenut kont li s-sentenza appellata tikkontjeni l-fatti allegati mir-rikorrent fir-rikors promotur, it-talbiet tieghu maghmula fl-istess rikors, l-eccezzjonijiet sollevati mill-intimati, kif ukoll il-konsiderazzjonijiet li wasslu lill-ewwel Qorti ghad-decizjoni taghha, ikun opportun li din tigi riporata fl-intier taghha.

> "**I. PRELIMINARI.**
>
> "Rat ir-rikors kostituzzjonali ta' Alfred Zaffarese datat 14 ta' Gunju 2013 fejn espona: -
>
> "1. Illi l-esponenti tressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati (bhala Qorti Istruttorja) akkuzat bis-segwenti:-
>
> "i. Bhala ufficjal jew impjegat pubbliku illi, fl-ezercizzju tad-dmirijiet tieghek, ghamilt falsifikazzjoni b'firem foloz, jew b'tibdil f'atti, fi skritturi, jew b'firem jew billi dahhalt isem ta' persuna mhux vera, jew b'kitba maghmula jew mnizzla f'registri jew fatti pubblici ohra, wara li kienu ga ffurmati jew maghluqa;
>
> "ii. U aktar fl-istess zmien u cirkostanzi, bhala ufficjal jew impjegat pubbliku illi, meta ktibt atti li jidhlu fid-dmirijiet tal-kariga tieghek, biddilt bil-qerq is-sustanza jew ic-cirkostanzi taghhom, sew billi nizzilt pattijiet diversi minn dawk li kienu gew ddettati jew maghmula mill-partijiet, kemm billi ddikjarajt bhala veri fatti foloz, jew bhala fatti maghrufa dawk li ma kienux;

“iii. U aktar talli fl-istess zmien u cirkostanzi, sabiex tikseb xi vantagg jew beneficcju ghalik innifsek jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita' pubblika, xjentement ghamilt dikjarazzjoni jew stqarrija falza jew tajt taghrif falz;

“iv. U aktar talli fl-istess zmien u cirkostanzi, ghamilt falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamilt uzu minn xi dokument iehor ffalsifikat;
u dana hekk kif jirrizulta mit-tahrika li qeghda tigi annessa
bhala 'Dok. A';

“2. Illi l-imsemmija proceduri kriminali fil-konfront tal-esponenti saru, qeghdin isiru, jew x'aktarx ser isiru bi ksur tad-drittijiet u libertajiet fundamentali tal-esponenti hekk kif protetti mill-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, u mill-artikolu 6 tal-Konvenzjoni ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali hekk kif inkorporata permezz tal-Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta.

“3. Illi, in partikolari, u minghajr pregudizzju ghall-generalita' tal-premess, l-imsemmija proceduri kriminali fil-konfront tal-esponenti jilledu fl-ewwel lok d-dritt fundamentali tal-esponenti ghall-smigh xieraq minn Qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa bil-ligi, naxxenti mis-subartikolu (1) tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, u mis-subartikolu (1) tal-artikolu 6 tal-konvenzjoni, u fit-tieni lok, id-dritt tal-esponenti ghall-prezunzjoni tal-innocenza, liema dritt huwa protett, kemm mis-subartikoli appena citati kif ukoll b'mod espress mis-subartikolu (5) tal-artikolu 39 tal-Kostitzzjoni ta' Malta, u mis-subartikolu (2) tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni.

“4. Illi d-drittijiet u libertajiet fundamentali tal-esponenti gew lezi mill-Ministru tal-edukazzjoni u xoghol fil-konferenza stampa tal-4 ta' Mejju 2013, u f’ numru ta' okkazjonijiet ohra meta tkellem dwar dan il-kaz, fir-rigward tal-proceduri kriminali li kienu ser jittiehdu fil-konfront tal-esponenti.

“5. Illi meta jitqies dak kollu li ntqal, fl-imsemmija konferenza stampa u f’ numru ta' okkazjonijiet ohra, fir-rigward tal-proceduri kriminali li ttiehdu fil-konfront tal-esponenti, fit-totalita' tieghu, il-messagg tal-istess Ministru, kif ukoll l-interpretazzjoni ta' dak il-messagg, wiehed jista' mhux biss jissuggerixxi b'mod ragonevoli, izda jasal ghal konkluzjoni definittiva, li l-imsemmi haddan l-opinjoni li l-allegazzjonijiet ta' irregolaritajiet kienu fil-fatt fondati, u kwindi li unilateralment wasal ghal konkluzjoni li tezisti htija da parti tal-esponenti.

“6. Illi, inoltre, minn analizi ta' dak kollu li ntqal, fl-imsemmija konferenza stampa u f’ numru ta' okkazjonijiet ohra, fir-rigward tal-proceduri kriminali li ttiehdu fil-konfront tal-esponenti, jirrizulta bl-aktar mod car li l-Ministru koncernat ma addottax fi kliemu u fir-reazzjoni tieghu, id-diskrezzjoni u c-cirkospezzjoni necessarja, kif stabbilit fil-ligi u fil-gurisprudenza taghna, sabiex jkun jista' jinghad li hemm bilanc

bejn id-dritt li l-istat jinforma l-pubbliku dwar investigazzjonijiet ta' reati kriminali li jkunu ghaddejjin, u l-harsien u protezzjoni tad-drittijiet fundamentali tal-ufficjal suspettat li kkommetta r-reat.

“7. Illi dan imur direttament kontra l-insenjament tal-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali, fis-sentenza taghha tad-29 ta' Ottubru 2003, (Appell Civili Numru 22/2002/1), fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Dr. Noel Arrigo LL.D u Dr. Patrick Vella LL.D, fejn dik l-Onorabbli Qorti, wara li rriferiet ghall-insenjament tal-Qorti Ewropea u b'mod partikolari ghall-kawza *Butkevicius v. Lithuania,* tas-26 ta' Marzu, 2002, stabbiliet principji ghall-ewwel darba fil-gurisprudenza Maltija, li huma applikabbli ghal kaz odjern, u stabbiliet b'mod kategoriku il-livell ta' kawtela necessarja meta persuna li tokkupa kariga gholja fl-Istat, taghmel dikjarazzjonijiet dwar proceduri u investigazzjonijiet kriminali pendenti, li fil-kaz odjern ma nzamx.

“8. Illi inoltre, l-esponenti fit-tmintax (18) ta' April 2013 gie msejjah fil-Kwartieri Generali tal-Pulizija sabiex jigi nterrogat, liema nterrogazzjoni saret minn persuna li ma kenitx membru tal-Korp tal-Pulizija, u kwindi l-proceduri kriminali sussegwenti fil-konfront tal-esponenti huma fl-intier taghhom lezivi tad-drittijiet u libertaijiet fundamentali tal-esponenti kif protetti mill-artikolu 39 tal-kostituzzjoni ta' Malta u mill-artikolu 6 tal-Konvenzjoni ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali hekk kif inkorporata permezz tal-Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta.

“Jghidu ghalhekk il-konvenuti, prevja kwalsijasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna, u ghar-ragunijiet premessi, ghaliex m'ghandhiex din l-Onorabbli dorti:

“1. Tiddikjara u tiddeciedi illi, ghar-ragunijiet fuq premessi, gew lezi u miksura d-drittijiet u libertajiet fundamentali tal-esponenti hekk kif protetti mill-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali hekk kif inkorporata permezz tal-Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta.

“2. Tiddikjara u tiddeciedi illi, ghar-ragunijiet kollha fuq premessi proceduri kriminali sussegwenti fil-konfront tal-esponenti huma fl-intier taghhom lezivi tad-drittijiet u libertaijiet fundamentali tal-esponenti kif protetti mill-artikolu 39 tal-kostituzzjoni ta' Malta u mill-artikolu 6 tal-Konvenzjoni ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali hekk kif inkorporata permezz tal-Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta.

“3. Taghti kull rimedju, direttiva u kumpens li jidhrilha xieraq u opportun *a tenur* tal-Artikoli 46 tal-Kostituzzjoni u 13 tal-Konvenzjoni Ewropea.

“Rat li din ir-rikors gie appuntat ghas-smigh ghas-seduta tal-11 ta’ Lulju 2013.

“Rat ir-risposta tal-Avukat Generali u tal-Kummissarju tal-Pulizija datata 1 ta’ Lulju 2013 a fol 11 tal-process fejn esponew bil-qima:

“Illi l-lanjanzi tar-rikorrenti huma fis-sens illi l-proceduri kriminali istitwiti kontra r-rikorrenti *'jilledu fl-ewwel lok d-dritt fundamentali tal-esponenti ghall-smigh xieraq minn Qorti indipendenti u mparzjali mwaqqfa bil-ligi, naxxenti mis-subartikolu (1) tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, u mis-subartikolu (1) tal-artikolu 6 tal-konvenzjoni, u fit-tieni lok, id-dirtt tal-esponenti ghall-prezunzjoni tal-innocenza, liema drift huwa protett, kemm mis-subartikoli appena citati kif ukoll b'mod espress mis-subartikolu (5) tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, u mis-subartikolu (2) tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni'.*

“Illi l-esponenti jikkontestaw l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tar-rikorrenti *stante* li huma nfondati fil-fatt u
fid-dritt ghar-ragunijiet segwenti:

“1. Illi *in linea* preliminari, in kwantu l-proceduri kriminali in konfront tar-rikorrenti ghadhom fl-istadju tal-kumpilazzjoni, l-esponenti jecepixxu formalment l-intempestivita' ta' dina l-azzjoni. Illi in kwantu l-lanjanzi tar-rikorrenti huma mibnija fl-intier taghhom fuq allegat ksur ta' l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u ta' l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni, l-esponenti jirrilevaw illi sabiex ikun jista’ jigi determina jekk ir-rikorrent garrabx ksur ta' dawn l-artikoli, irid jigi ezaminat il-process kriminali kollu fit-totalita' tieghu.

“2. Illi l-kwistjoni li qed jillamenta minnha r-rikorrenti hija li bhala konsegwenza ghall-konferenza stampa li saret mill-Ministru tal-Edukazzjoni u Xoghol gew lezi d-drittijiet tar-rikorrenti ghal smigh xieraq kif garantit fl-Artikolu 39 (1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u fl-Artikkolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem u dan peress li mhux ser jinghata smigh minn qorti indipendenti u mparzjali.

“Illi in kwantu ghal dak li jirrigwarda l-Artikolu 39 (1) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 (1) tal-Konvenzjoni Ewropea, l-esponenti jibdew biex jissottomettu li l-Artikolu 39 (1) u (2) tal-Kostituzzjoni jipprovdu illi sabiex jigi garantit id-dritt ghal smigh xieraq, is-smigh ghandu jsir fi zmien ragjonevoli u jinstemgha minn Qorti ndipendenti u mparzjali mwaqqfa b'ligi. L-Artikolu 6 (1) tal-Kap. 319 imur oltre meta jipprovdi li s-smigh ghandu jkun pubbliku u ghandu jsir quddiem tribunal indipendenti u mparzjali mwaqqaf b'ligi.

“Illi l-esponenti jirrilevaw li ma sar xejn fil-process kriminali li b'xi mod seta' jincidi fuq id-dritt tar-rikorrenti ta' process gust u wisq inqas saret xi influwenza fuq il-gudikant.

“Illi jezistu salvagwardji bizzejjed fid-dritt procedurali nostrali li huma tali li jovvjaw ghal kull perikolu ta' ntralc ta' smigh xieraq allegat mir-rikorrent liema salvagwardji jiggarantixxu process xieraq u smigh gjust.

“Illi ma hemmx dubju li l-procedura kriminali qed tinstema’ minn 'qorti' u cioe` mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja u ghalhekk ir-rekwizit ta' 'qorti' sabiex jiddetermina *criminal charge* li jimponi l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni huwa sodisfatt. Illi dwar ir-rekwiziti ta' 'tribunal' li ghalih jirreferi l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni l-esponenti jissottomettu wkoll illi dan ir-rekwizit huwa sodisfatt u f’dan ir-rigward issir riferenza ghas-sentenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fl-ismijiet **Le Compte, Van Leuven and Meyere** deciza fit-23 ta' Gunju 1981 fejn gie stabbilit illi "... *the use of the term "tribunal" is warranted only for an organ which satisfies a series of further requirements — independence of the executive and of the parties to the case, duration of its members' term of office, guarantees afforded by its procedure - several of which appear in the text of article 6 (1) itself.”*

“Illi l-fatt fih innifsu illi l-Qorti hija presjeduta minn Imhallef jew Magistrat, skont il-kaz partikolari, huma garanzija fiha nnfisha ta' indipendenza u imparzjalita'. In oltre, il-procedura nostrana nnifisha toffri garanziji estensivi biex tissalvagwardja lill-gudikant minn pressjonijiet esterni. Fil-kaz **Piersack** deciz fl-1 ta' Ottubru 1982, il-Qorti Ewropea osservat illi *'Whilst impartiality denotes absence of prejudice or bias, its existence or otherwise can, notably under Article 6 par. 1 of the Convention, be tested in various ways. A distinction can be drawn in this context between a subjective approach, that is endeavouring to ascertain the personal conviction of a given judge in a given case, and an objective approach, that is determining whether he offered guarantees sufficient to exclude any legitimate doubt in this respect'.*

“Illi l-esponenti jissottomettu li kemm id-drittijiet ravvizati fil-Kostituzzjoni kif ukoll dawk taht il-Konvenzjoni jippresupponu li allegazzjoni ta' ksur ta' xi wiehed mid-drittijiet protetti ma tridx tkun allegazzjoni meramet ipotetika u avvanzata *in vacua* bhal ma jidher car li hi l-allegazzjoni tar-rikorrenti. L-unika vera motiv ta' l-allegazzjoni tar-rikorrenti huwa li jinxtehet dawl ikrah u nfondat fuq il-gudikant li quddiemu qed jingabru l-provi fil-kumpilazzjoni u dan ghall-ghan ahhari tar-rikorrent li jittenta johloq incident halli jahrab milli jwiegeb ghal eghmil tieghu. Dan il-fatt fih innifsu bl-ebda mod ma jista' jwassal ghal vjolazzjoni tad-dritt ta' smigh xieraq jew ghal nuqqas ta' indipendenza jew imparzjalita' tal-gudikant.

“Isegwi ghalhekk li dina l-lanjanza tar-rikorrenti ghandha tigi michuda.

“3. Illi r-rikorrenti donnu qed jilmenta wkoll li gie vvjolat id-dritt tieghu sancit mill-Artikolu 39 (5) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u ta' l-

Artikolu 6 (2) tal-Konvenzjoni Ewropea liema artikolu jipprovdu li kull min jigi akkuzat b'reat kriminali ghandu jigi meqjus li jkun innocenti sakemm jigi ppruvat jew ikun wiegeb li hu hati.

“L-esponenti jissottomettu li d-dritt tar-rikorrenti ghall-prezunzjoni ta' l-innocenza bl-ebda mod ma giet menomata. Illi huwa manifest l-Qorti li qed tikkompila l-provi fil-process kriminali ser tiddeciedi jekk hemmx provi bizzejjed sabiex ir-rikorrenti jitpogga taht att ta' akkuza fuq il-provi li jkunu gew prodotti u migbura minnha kif *del resto* huwa dak mistenni minn kull deliberazzjoni ta' Qorti kompetenti.

“Illi l-fatt fih innifsu li nzammet konferenza stampa ma jfissirx awtomatikament li gie lez id-dritt tal-prezunzjoni tal-innocenza tar-rikorrenti kif qed jittenta jallega r-rikorrenti. Illi fil-konferenza stampa li minnha qed jillamenta r-rikorrenti jirrizulta bl-aktar mod lampanti li nzamm bilanc bejn l-obbligu ta' l-lstat li jinforma lill-pubbliku dwar investigazzjonijiet ta' reati u l-harsien tad-drittijiet fundamentali tal-persuna suspettats li wetqet ir-reat.

“Illi in oltre, *stante* li l-proceduri li hemm in konfront tar-rikorrenti ghadhom fl-istadju ta' kumpilazzjoni u gbir ta' provi, allegazzjoni ta' ksur tal-prezunzjoni ta' l-innocenza hija f’dan l-istadju intempestiva u dan peress li l-process kriminali ghadu fl-istadju tant bikri. Dan qed jinghad *in linea* ma' l-insenjament tal-Qorti Kostituzzjonali senjatament il-kawza fl-ismijiet **Egbomon** vs **Avukat Generali** deciza fis-16 ta' Marzu 2011 fejn fuq allegat ksur tal-prezunzjoni ta' l-innocenza, ikkonkludiet illi *'Ghalhekk, sewwa qalet l-ewwel qorti illi, qabel ma jkun sar u ntemm il-process penali, ikun prematur illi jsir minn din il-qorti l-ezercizzju li jrid l-Appellant, kemm ghax l-Appellant ghad ghandu ghad-dispozizzjoni tieghu r-rimedji u l-mezzi ta' harsien kollha li jaghtih il-process penali - u ghalhekk ghad ghandu rimedji taht il-ligi ordinarja - u kif ukoll ghax din il-qorti ghadha ma tistax tqis il-process penali kollu kemm hu - ghax ghadu ma sarx ~ biex tkun tista' tghid kienx hemm ksur tal-jeddijiet fondamentali, mhux f'episodju izolat, izda fil-kuntest tal-process meqjus kollu kemm hu u bl-applikazzjoni in concreto tad-dispozizzjonijiet tal-ligi attakkati”.*

“L-esponenti jissottomettu li r-rikors odjern huwa eradikat fuq motiv merament sabiex jigi mwaqqfa l-proceduri kriminali li minnhom qed jillamenta r-rikorrenti. Ghalhekk dawn il-proceduri ma huma xejn hlief tentattiv sabiex jistultifikaw l-andament tal-process kriminali u li effettivament ma jezisti l-ebda ksur tad-dritt ta' smigh xieraq.

“Illi isegwi ghalhekk li dina l-lanjanza tar-rikorrenti ghandha tigi michuda.

“4. Illi r-rikorrenti qed jillamenta wkoll li peress li huwa gie nterrogat minn persuna li ma kinetx membru fil-Korp tal-Pulizija u li bhala rizultat il-proceduri kriminali li qed isiru in konfront ta' l-istess kriminali huma lezivi tad-dritt tieghu ta' smigh xieraq. L-esponenti jirrilevaw li kull min

kien involut fl-interrogazzjoni tar-rikorrenti kien membru fil-Korp tal-Pulizija. L-esponenti jirrilevaw ukoll li l-funzjoni tal-Pulizija Ezekuttiva tohrog cara mid-disposizzjonijet tal-Kodici Kriminali (Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta) liema funzjoni mhix sinonima mal-funzjoni ta' gudikant. Illi l-interrogazzjoni tar-rikorrenti saret bit-tharis tad-disposizzjonijiet tal-Kap. 9 u minn persuni li setghu jaghmlu tali nterrogazzjoni.

“Isegwi ghalhekk li dina l-lanjanza tar-rikorrenti ghandha tigi michuda.

“5. Illi r-rikorrenti qieghed jitlob li bhala rimedju jinghata kumpens u sabiex tinghata direttiva *ai termini* ta' l-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni sabiex jittenta jwaqqaf il-proceduri kriminali. L-esponenti jissottomettu li l-kawzi ta' natura kostituzzjonali huma ntizi sabiex jigu stabbiliti *standards u* r-rimedju li jinghata f’kaz ta’ sejba ta' vjolazzjoni f’tali kawzi huwa d-dikjarazzjoni ta' lezjoni ta' drittijiet fundamentali. Illi rimedji oltre dikjarazzjoni jinghataw biss f’kazijiet eccezzjonali u partikolari.

“6. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

“7. Bl-ispejjez.

“Rat id-digriet tal-Qorti kif hekk presjeduta moghti fit-28 ta’ Otturbu 2014 a fol 135 tal-process.

“Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tar-rikorrenti Alfred Zaffarese datata 28 ta’ Jannar 2016 a fol 199 tal-process.

“Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-Avukat Generali u tal-Kummissarju tal-Pulizija datata 29 ta’ Frar 2016 a fol 219 tal-process.

“Rat il-verbali kollha tas-seduti mizmuma inkluz dak tas-seduta tal-Hamis, 17 ta' Marzu 2016 fejn meta ssejjah ir-rikors deher ir-rikorrent assistit minn Dr Carm Mifsud Bonnici u Dr Noel Camilleri. Dehret Dr Victoria Buttigieg ghall-intimati, prezenti l-Ispettur Anne Marie Xuereb. Il-Qorti semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet, liema trattazzjoni giet registrata fuq is-sistema eletronika. Ir-rikors giet differit ghas-sentenza ghat-26 ta’ Mejju 2016 fid-9:30a.m.

“Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

“**II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>**

“Illi permezz tal-kawza odjerna, r-rikorrent qed jitlob dikjarazzjoni u rimedji effettivi ghall-allegat lezjoni ta' drittijiet tieghu ghas-smigh xieraq hekk kif garantiti **mill-artikoli 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta** (aktar 'l isfel imsejjah "**Il-Kostituzzjoni**") u **l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet u Libertajiet Fondamentali tal-Bniedem** kif inkorporat fil-kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta (aktar 'l isfel imsejjah "**Il-Konvenzjoni"**). B'mod partikolari qed jilmenta li gie lez id-

dritt tieghu ghall-prezunzjoni tal-innocenza u ghas-smigh xieraq minn Qorti indipendenti u imparzjali.

“Illi r-rikorrent essenzjalment immotiva t-talbiet tieghu b'riferenza ghall-zewg ragunijiet fattwali li wasslu jew ser iwasslu ghall-lezjoni tad-drittijiet tieghu ghas-smigh xieraq fi proceduri kriminali stitwiti kontrih. Hu jakkampa primarjament fuq konferenza stampa mizmuma mill-Ministru tal-Edukazzjoni u Xoghol, fejn il-Ministru Evarist Bartolo tkellem dwar il-proceduri kriminali li kienu ttiehdu fil-konfront tieghu. Ir-rikorrent jallega li f'dawn l-okkazzjonijiet il-Ministru mar oltre il-limiti konsenstiti tant li ppregudika d-dritt tieghu ghas-smigh xieraq kif ukoll ghall-prezunzjoni tal-innocenza. Inoltre, fl-interrogazzjoni li saritlu mill-Pulizija fil-fazi investigattiva tal-kaz, gie interrogat mill-PL Peter Paul Zammit, li jallega li dak iz-zmien ma kienx membru tal-korp tal-Pulizija. Ghaldaqstant isostni li l-proceduri kriminali sussegwenti fil-konfront tieghu huma fl-intier taghhom lezivi tad-drittijiet u libertaijiet fundamentali tieghu.

“Illi l-**Avukat Generali** u **l-Kummissarju tal-Pulizija** rribattew t-talbiet billi ssollevaw l-intempestivita' taghhom oltre eccezzjonijiet fil-mertu. In linja generali jghidu li l-proceduri ghandhom jigu ezaminati fl-assjem taghhom filwaqt li l-kaz tar-rikorrent ghadu fil-fazi ta' kumpilazzjoni tal-provi. Fil-mertu, l-proceduri kriminali qed jinstemghu quddiem gudikant indipendenti mahtur bis-sahha tal-Ligi, li jippresjedi f'Qorti indipendenti u imparzjali, b'garanzija shiha tad-drittijiet tar-rikorrent ghas-smigh xieraq. Inoltre l-iskop tal-proceduri f'kumpilazzjoni mhuwiex is-sejbien ta' htija jew innocenza, imma jekk hemmx provi bizzejjed sabiex ir-rikorrent jitpogga taht att ta' akkuza fuq il-provi li jkunu gew prodotti u migbura. Huma wkoll jichdu dak addebitat fir-rigward tal-interrogatorju mill-Pulizija.

“**Fatti**

“Il-fatti kif johorgu mill-atti huma s-segwenti:

“Fit-3 ta' Mejju 2013 ir-rikorrent, Alfred Zaffarese, tressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti Istruttorja akkuzat talli kkommetta diversi atti ta' frodi li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda li sehh fix-xahar ta' Marzu 2013 u fil-granet ta' qabel, u dana bhala ufficjal jew impjegat pubbliku. Dan allegatament sehh fl-ghoti ta' marki tal-ezamijiet ghall-impieg fis-servizz pubbliku .

“Fil-kors tal-investigazzjonijiet tal-Pulizija, wara li saritlu d-debita twissija u li kellu d-dritt li jikkonsulta ma’ avukat, ta zewg stqarrijiet, l-ewwel fit-28 ta' Marzu 2013 u t-tieni wahda fit-2 ta' April 2013.

“Fit-18 ta' April 2013 rega' issejjah fil-kwartieri tal-Pulizija fejn gie interrogat minn Peter Paul Zammit fl-ufficcju tal-Kummissarju tal-Pulizija. L-interrogazzjoni damet xi saghtejn.

“**Ghal dak li jirrigwarda d-data tal-hatra tal-Kummissarju tal-Pulizija Peter Paul Zammit:-**

“Jirrizulta minn dokumenti esebiti a fol 149-151 li b'ittra datata d-19 ta' April 2013 il-Kummissjoni ghas-Servizz Pubbliku (PSC) informa lill-Prim'Ministru li taqbel mar-rakkommandazzjoni tal-hatra ta' Peter Paul Zammit bhala Kumissarju tal-Pulizija b'effett mit-13 ta' April 2013. Fl-istess data qablet ukoll mar-rakkommandazzjoni li hu jerga' jinhatar fil-grad ta' Supretendent tal-Pulizija b'effett mit-12 ta' April 2013. B'ittra ohra tal-istess data gharrfet li taqbel li l-hatra ta' John Rizzo bhala Kummissarju tal-Pulizija tigi terminata b'effett mit-13 ta' April 2013.

“Jirrizulta li r-rakkommandazzjonijiet mill-Ufficcju tal-Prim'Ministru jgibu d-data tad-19 ta' April 2013 (Dok 161 u 163) u l-hatriet ta' Supretendent u Kummissarju rispettivament gew approvati bil-firma tal-Prim Ministru fit- **22 ta' April 2013 (**fol 162 u 164).

“Jirrizulta minn korrispondenza esebita minn rapprezentant mis-sezzjoni tas-salarji tal-Pulizija, (fol 60-65) li fit-13 ta Mejju 2013 intbaghat *email* minn Kevin Mahoney fl-ufficcju tal-Ministeru tal-Affarijiet Interni lill-Christine Madiona fl-OPM "*it is imperative that Peter Paul Zammit, the present Police Commissioner appointed recently by the Government, is issued with a letter of appointment since he is restrained from taking certain initiatives and implement policies pending his official recognition as the Commissioner."*

“Mid-dokumenti esebiti jirrizulta li nharget ittra taht il-firma tal-Prim Ministru bid-data tat-22 ta' April 2013 ghall-hatra tal-PL Peter Paul Zammit bhala Kummissarju tal-Pulizija b'effett retroattiv sat-13 ta' April 2013. Minn email tal-14 ta' Mejju 2013 mibghuta minn Ms Madiona lill-Kevin Mahoney jirrizulta li "*Action will also be taken to have the appointment gazzetted in the next Government Gazzette."*

“**Ghal dak li jirrigwarda l-Konferenza Stampa**

“Jirrizulta li l-On. Ministru tal-Edukazzjoni u Xoghol, Evarist Bartolo, zamm Konferenza Stampa s-Sibt 4 ta' Mejju 2013 fejn irrefera ghat-tbaghbis li sehh fil-marki tal-karti tal-ezamijiet ghas-servizz pubbliku u li fil-jiem li gejjien kienu ser jitressqu ghadd ta' persuni akkuzati bi frodi u tbaghbis. Hemm qbil li isem ir-rikorrent ma ssemmiex fil-Konferenza Stampa.

“Din il-konferenza xxandret fuq il-mezzi tax-xandir u gie esebit DVD tal-konferenza fejn il-Qorti stess ikkkonstatat li r-rikorrent ma jissemmiex la b'ismu u lanqas b'riferenza ghal xi kariga li seta' jokkupa.

“L-ghada l-Hadd 5 ta' Marzu dehru rapporti fil-gazzetti stampati u fil-medja elettronici fejn jissemma Alfred Zaffarese in konnessjoni mal-investigazzjoni tal-Pulizija u ma’ dawn l-akkuzi.

“Fil-mori gew esebiti l-artikoli tal-Avukat Generali fejn hemm rakkommandazzjoni li l-kaz jitkompla quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' kompetenza kriminali.

“**Xhiedha u Provi Prodotti**

“Xehdet **Miriam Dalli (fol 42)** gurnalista mal-Malta Today li kienet prezenti waqt il-konferenza stampa. Ir-rapport taghha ntitolat "**Police to charge persons over civil service examinations fraud"** hu esebit a fol 30 tal-process (DOK MD1). Fir-rapport taghha fl-ahhar zewg paragrafi, l-gurnalista ssemmi specifikatament lir-rikorrent fil-kuntest tal-investigazzjoni mill-pulizija ghall-frodi u tghid li kien gie interrogat mill-pulizija. Dan ir-rapport deher *online.* Qalet li ghamlet l-ahjar biex tirraporta fedelment dak li qal il-Ministru Bartolo.

“Hi kitbet rapport li deher fil-**Malta Today on Sunday** u anke *online*, il-Hadd 5 ta' Mejju 2013 intitolat "**Former acting director for examinations bumped up exams results"** (Dok MD2 a fol 32) bis-sottotitlu "**Police probe on alleged favouritism reveal Alfred Zaffarese reportedly acted alone - altered exam results of two of the secretaries working in his office who failed the exams."** F'dan ir-rapport, il-gurnalista taghmel riferenza ghall-konferenza stampa fejn tghid li l-Ministru ma semmiex l-ismijiet tal-persuni involuti "*but confirmed that at least 'a high official' within the examinations department would be taken to court and accused of exam fraud."*

“Il-Qorti tinnota li f'dan ir-rapport intqal li l-Malta Today ra r-rapport tal-pulizija u jirrizulta wkoll rappurtagg dettaljat ta' x'intqal fl-interrogazzjonijiet mizmuma mill-pulizija. Mistoqsija dwar l-access li kellha ghall-file tal-pulizija, wiegbet li ma setghetx tizvela s-sors taghha izda kkonfermat li hi giet murija r-rapport.

“Qalet li l-isem tar-rikorrent ma rrizultax mir-rapport tal-pulizija imma kien hemm rapporti precedenti tal-Malta Today tat-8 ta' April 2013 fejn il-gazzetta zvelat li Alfred Zaffarese kien gie interrogat mill-pulizija.

“In **kontro-ezami** ma setghetx tikkonferma li r-rapport li rat hi tal-pulizija kien wiehed accessibbli ghall-kullhadd. Ikkonfermat li xi dettalji fir-rapport tal-Hadd ma hargux mill-konferenza stampa. Hi rreferiet ghall-konferenza stampa fl-ahhar tlett paragrafi fejn il-Ministru qal x'ser jigri minn dakinhar ‘il quddiem u paragrafu iehor qabel.

“**Saviour Grech** Assistent Direttur fid-Dipartiment tal-Informazzjoni xehed (fol 49) u esebixxa Press Release numru 893 intitolat "**Administrative changes to follow police investigations**. ***Results of civil service examination will be published in the coming***

***days."*** (fol 28) bid-data tal-4 ta' Mejju 2013. Il-*press release* taghmel riferenza ghall-investigazzjoni mill-pulizija "*on alleged irregularities in civil service examinations. A total of 19 marks were decreased in many cases while at least one candidate received an additional 26 marks, leading to a substantial number of candidates passing and failing due to these changes."* Dan ir-rapport hu ezatt skont l-informazzjoni mibghuta mill-*communications officer* tal-Ministru.

“Qal li dan jidher fuq il-*website* tad-Dipartiment.

“Esebixxa wkoll **Dok. DOI2** (fol 29) li huwa *press release* 644 datat it-12 ta' April 2013 li thabbar il-hatra ta' Peter Paul Zammit li "*ser ikun qed jinhatar Kummissarju tal-Pulizija."*

“Xehed **Anthony Zammit** *Principal Officer* mal-Ufficcju tal-Prim'Ministru fil-*Public Administration HR office* (fol 52) bhala rapprezentant tal-*Principal Permanent Secretary* fl-OPM. Hu esebixxa:

“**DOK OPM1** li hija kopja tal-hatra tal-Kummissarju tal-Pulizija (fol 27) awtentikata mix-xhud seduta stante kif gja premess *ante*.

“Xehed **Thomas Cordina** (fol 69) rapprezentant mis-sezzjoni salarji tal-Kummissarju tal-Pulizija u qal li Peter Paul Zammit gie mahtur Supretendent fit-12 ta' April 2013 u l-ghada fit-13 ta' April 2013 gie mahtur Kummissarju tal-Pulizija "*pero` d-dokumenti ghandi waslu fl-14 ta' Mejju."* Difatti esebixxa diversi dokumenti, fosthom wiehed datat it-30 ta' April 2013 relatat mal-ingagg mill-gdid tal-PL Zammit fil-korp tal-Pulizija bil-grad ta' Supretendent (fol 60), kopja tal-istess ittra mill-OPM (fol 61) u *email* datat l-14 ta' Mejju 2014 b'diversi *emails* aggunti riferibbilment ghall-hatra tal-PL Zammit bhala Kummissarju. Qal li kien fid-9 ta' Mejju 2013 meta gie infurmat li PL Zammit gie reintegrat Supretendent u mbaghad infurma s-sezzjoni biex jinhareg is-salarju ta' Kummissarju fis-17 ta' Mejju 2013. Il-paga ta' Kummissarju inhadmet retroattivament skont l-ittra mill-OPM. Qal li fit-12 ta' April 2013 kien membru tal-Korp bhala Supretendent.

“**Kostatazzjonijiet tal-Qorti dwar *l-emails* u dokumenti esebiti.** F'wiehed minn dawn l-emails minn Kevin Mahoney fl-MHAS lil Christine Madiona mill-OPM datat it-13 ta' Mejju 2013 (fol 64) hemm miktub li "*it is imperative that, independent from the decision which needs to be taken regarding the former Police Commissioner Mr. John Rizzo, Mr. Peter Paul Zammit, the present Police Commissioner appointed recently by the Government, is issued with the letter of appointment since he is restrained from taking certain initiatives and implement policies regarding his official recognition as the Commissioner."*

“Fit-twegiba taghha tal-14 ta' Mejju 2013 (fol 63), Ms Madiona mill-OPM qalet "*Action will also be taken to have the appointment gazzetted in the next Government Gazzette."*

“Xehed **Keith Micallef** gurnalist attwalment mat-Times of Malta (fol 70) li kien prezenti ghall-konferenza stampa ghall-gazzetta The Malta Independent.

“Xehdet **Sara Carabott** gurnalista mit-Times of Malta (fol 71 *a tergo*) li wkoll kienet prezenti ghall-Konferenza Stampa u esebiet kopja tar-rapport **(DOK TOM1**) li deher ukoll online.

“**Alfred Zaffarese** xehed b'affidavit (fol 74) u qal li kien Direttur fid-Dipartiment tal-ezamijiet inkarigat biex jamministra l-ezamijiet tas-servizz pubbliku. Wara li ghalaq l-eta` pensjonabbli fil-5 ta' April 2011, baqa' fil-kariga ta' Agent Direttur bil-kuntratt direttament mid-Dipartiment tal-Edukazzjoni taht it-tmexxija tas-Segretarju Permanenti. Dan il-kuntratt skada definittivament fl-10 ta' April 2013.

“Qal li sar jaf mill-gazzetti lokali l-Hadd 5 ta' Mejju,2013, li l-gurnata ta' qabel, fl-4 ta' Mejju 2013, il-Ministru tal-Edukazzjoni u Xoghol zamm konferenza stampa fejn tkellem dwar allegazzjonijiet ta' tbaghbis fir-rizultati tal-ezamijiet ghas-servizz pubbliku b'mod partikolari, dak marbut mal-ufficjali ezekuttivi li kienu jaqghu taht id-dekasteru tieghu. Hu lmenta li l-Ministru ma llimitax ruhu ghal dawn l-allegazzjonijiet li saru u li kienu konsegwentement qed isiru l-investigazzjonijiet mill-pulizija dwarhom "*izda qal ukoll, u dan ghamilhom bhala fatt cert, li kien hemm tbaghbis fir-rizultati tal-ezamijiet li gew mibdula b'mod illecitu minn persuni fdati bl-amministrazzjoni tal-istess ezamijiet. F'ebda mument ma saret xi forma ta' riserva dwar in-necessita' li dawn il-fatti ghandhom jigu debitament verifikati u accertati."* Il-messagg tal-Ministru kien li fil-fatt kienet gja tezisti l-htija billi l-Ministru qalhom bhala fatti bhallikieku kienu diga stabbiliti u verifikati minn Qorti indipendenti u imparzjali. Qal ukoll li kien ser jiehu passi sabiex fil-futur jigi evitat kwalsiasi tbaghbis jew tibdil illecitu fil-process tal-korrezzjoni tal-karti tal-ezamijiet tas-servizz pubbliku.

> "*Kien mill-ewwel evidenti mit-terminologija li giet uzata mill-Onor. Ministru li hu kien ikkonkluda, qabel ma sar il-process legali, li kien hemm tbaghbis u tibdil illecitu fir-rizultati tal-ezami u li kienet ghalhekk tezisti diga l-htija."*

“Qal ukoll li l-interpretazzjoni tan-nies u mill-kummenti elettronici kienu jindikaw li l-opinjoni pubblika kienet gja ikkundannatu. Huwa gie facilment identifikat bhala l-persuna li dwarha kien qed jitkellem il-Ministru minnkejja li ma semmiehx b'ismu billi kien maghruf li kien hu inkarigat bl-amministrazzjoni tal-ezamiijiet in kwistjoni. Qal li fil-5 ta' Mejju f'zewg gazzetti partikolari dehru rapporti fejn deher ismu. Ir-rapporti dehru fl-oqsma kollha tax-xandir u hu ma setax iwiegeb ghalihom *in vista* tal-process legali kollu.

“Qal li fir-rapporti tal-medja, intqal bhala fatt li kien hemm tibdil illecitu fil-karti tal-ezamijiet minnu amministrat b'deskrizzjonijiet dwar x'allegatament gara rigward zbalji jew tnaqqis f'marki tal-ezamijiet, fejn uhud mill-artikoli kkwotaw kliem il-Ministru fil-konferenza stampa surriferita u ohrajn irraportaw fid-dettall ir-rapporti tal-investigazzjonijiet tal-pulizija li inghatawlhom minn sorsi fid-depot.

> "*Dawn il-fatti ghalhekk kollha gew rrappurtati minghajr ma kien sehh il-process gudizzjarji biex tigi stabbilita l-verita' u biex jigi determinat jekk fil-fatt kien hemm htija jew le, fuq min kien fdat bl-amministrazzjoni tal-process tal-ezamijiet."*

“Qal li dan kellu impatt fuq il-hajja personali u fuq ir-reputazzjoni tieghu.

“Qal ukoll li fit-18 ta' April 2013 sejhulu fil-kwartieri tal-Pulizija biex jaghmlulu mistqosijiet ulterjuri u dan wara li diga kien irrilaxxja zewg stqarrijiet lill-Ispettur Anne Marie Micallef (illum Xuereb). Din l-Ispettur kienet hemm meta wasal u infurmatu li ried ikellmu s-Sur Pietru Pawl Zammit li semmietu bhala l-Kummissarju l-gdid. "*Tellawni fuq hdejh u beda jinterrogani mill-gdid bhallikieku ma rrilaxxajt ebda dikjarazzjoni. Din damet ghaddejja madwar saghtejn ohra. Meta kont ghidtlu dak kollu li kont diga ddikjarajt qabel, fl-ahharnett huwa tani parir sabiex immur infittex avukat."* Sussegwentement gie imressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) b'diversi akkuzi.

“**In kontro ezami** (fol 183) qal li qabel ismu ma ssemmiex fil-Konferenza Stampa.

“Xehdet **Christine Schembri** in rappresentanza tal-Kummissjoni ghas-Servizz Pubbliku (PSC) (fol 101). Spjegat li persuna li jkun irrizenja mill-Korp tal-Pulizija jista’ jerga' jigi impjegat fl-istess grad li jkun okkupa qabel ir-rizenja u dana jsir meta jkun fl-interess tas-servizz pubbliku jew ghar-ragunijiet umanitarji. Fil-kaz tal-Kummissarju tal-Pulizija gie *reemployed* fit-12 ta' April 2013 bhala Supretendent tal-Pulizija li kien ir-rank li kellu meta rtira. Il-kunsens tal-PSC inghata u dan b'effett mit-12 ta' April 2013.

“Mistoqsija jekk il-Kummissjoni rcevietx ittra f'dik il-gurnata jew qabel fejn intalbet ir-reinstatement, wiegbet li le imma kienet il-Kummissjoni li ghamlet ir-rakkomandazzjoni taghha lill-Prim'Ministru. Din saret fit-12 ta' April 2013 u b'effett minn dik id-data Pietru Pawl Zammit gie *reemployed* bhala Supretendent. Fit-13 ta' April 2013 il-Kummissjoni rrakkommandat it-terminazzjoni tal-hatra tas-Sur John Rizzo bhala Kummissarju u b'effett mill-istess data, jigifieri fit-13 ta' April 2013, Peter Paul Zammit gie mahtur Kummissarju tal-Pulizija. Qalet li l-Prim' Ministru approva u iffirma r-rakkommandazzjoni.

"Qalet li l-hatra ta' Kummissarju ssir mill-Prim' Ministru skont **l-artikolu 92(4) tal-Kostituzzjoni ta' Malta** u jrid ikun gja *senior public officer.* Il-Prim' Ministru jaghzel min ser jinhatar fuq il-parir tal-Kummissjoni li imbaghad tapprovaha wara li taghmel il-verifiki taghha.

"Regghet xehdet (fol 152) u pprecizat li l-Kummissjoni kienet ghamlet rakkommandazzjoni f'April 2013 lill-Prim' Ministru sabiex l-eks-Supretendent tal-Pulizija, li allura kien barra mill-Korp, jerga' jigi mpjegat bhala Supretendent b'effett mit-12 ta' April 2013. Imbaghad inghata parir lill-Prim'Ministru biex jinhatar Kummissarju tal-Pulizija b'effett mit-13 ta' April 2013.

"Hi esebiet dokumenti (OPM2,3,4) datati id-19 ta' April 2013 fejn hemm l-approvazzjoni u l-firma tal-Prim'Ministru fuq il-hatra ghall-Supretendent datata nhar it-22 ta' April 2013. Qalet li marbuta mal-hatra tal-Kummissarju l-gdid kien hemm it-terminazzjoni tal-kariga tal-Kummissarju John Rizzo. Spjegat ukoll li l-Kummissjoni ma taghmilx rakkommandazzjoni minn jeddha imma tircievi korrispondenza imbaghad tapprova jew taghzel li taghmel ir-rakkommandazzjonijiet taghha.

"Riprodotta biex tixhed (fol 166) esebiet diversi dokumenti li jirrigwardaw it-talbiet li gew mill-ufficcju tal-Prim'Ministru fejn fl-ewwel talba saret ir-*re-employment* tal-eks Supretendent Peter Paul Zammit biex jerga' jidhol f'dak il-grad, b'effett mit-12 ta' April 2013 u t-tieni hija talba biex jinhatar Kummissarju b'effett mit-13 ta' April.

"Dawn id-dokumenti, il-qorti tinnota, huma markati CS1 u CS2 (fol 161,162) u jgibu d-data tad-19 ta' April 2013 bit-timbru "Received" datata id-19 ta' April 2013 fuq CS2 li hija t-talba ghall-hatra tieghu ta' Kummissarju. Hija approvata bil-firma tal-Prim'Ministru fit-22 ta' April 2013. Ir-rakkommandazzjoni tal-Kummissjoni hija datata 19 ta' April 2013.

"Xehed **Aleander Balzan** (fol 140) li qal li attenda l-konferenza stampa bhala gurnalist ghat-Torca u iNews u r-rapportagg tieghu deher fil-5 u fl-4 ta' Mejju rispettivament. [1]Qal li fir-rapporti tieghu hemm rappurtagg tal-konferenza kif ukoll taghrif li gab mill-qrib mill-investigazzjoni: "*Dak li hemm fir-rapport tieghi huwa tahlita ta' zewg affarijiet. Ghandi r-rappurtagg tal-konferenza tal-Ministru Bartolo, huwa dak li fhimt jien imma ma ghandix dubju li fhimtu tajjeb; u mbaghad hemm ukoll taghrif li jien gibt mill-qrib mill-investigazzjoni.*"

> "***Dr Victoria Buttigieg -*** *U nghid sew illi fl-ebda waqt tal-konferenza stampa ma ssemma isem ta' persuni?*
>
> "***Xhud - Aleander Balzan***

[1] Ir-rapport hu a fol 84 tal-process.

"*Jekk minhiex sejjer zbaljat...insomma ahjar nghid ma niftakarx ..ghax jista' ikun nizbalja. Ma niftakarx jekk waqt il-konferenza u l-ahbarijiet issemmewx ismijiet ta' persuni jew le."*

"Fir-rappurtagg tieghu semma ismijiet. L-isem tar-rikorrent jissemma bhala wiehed fost dawk li kienu qed jigu investigati. Qal li dan ikkonfermah mas-sorsi tieghu qrib il-Pulizija u dan jidher car mir-rapport. Madanakollu ma kienx cert jekk il-Ministru semmiex l-ismijiet hu jew le. Qal li minn qari tar-rapport johrog car dak li qed jattribwixxi ghal dak li qal il-Ministru u dak li qed jattribwixxi ghas-sorsi qrib l-investigazzjoni.

"Semmieh allavolja l-proceduri legali kienu ghadhom ma bdewx.

"Xehdet l-**Ispettur Anne Marie Xuereb** (fol 181) stazzjonata mal-*Economic Crimes Unit* tal-Pulizija.Qalet li kienet prezenti flimkien mal-eks Kummissarju John Rizzo u s-Supretendent Paul Vassallo meta fis-27 ta' Marzu 2013 certu Godfrey Testa ressaq rapport dwar x'sehh fl-ezamijiet ghas-servizz pubbliku, f'liema rapport semma lill-Alfred Zaffarese. In segwitu inhareg mandat ta' arrest ghar-rikorrent u saret ukoll tfittxija u arrestawh fuq il-post tax-xoghol. Qalet li qabel ma gie interrogat inghata d-drittijiet kif ukoll li jikkonsulta ma' avukat. Hu kien irrifjuta. Huma gabbru r-*result sheets*, kemm dawk ippreparati mill-ezaminaturi originali kif ukoll dawk ppreparati mir-rikorrent u sabu li kien hemm marki li gew *rounded up* kif ukoll f'kaz ta' segretarja fl-ufficju tar-rikorrent, zdiedet b'numru li qabez iz-zieda moghtija fil-kazijiet l-ohra b'26 marka.

"Sussegwentement ressqu lir-rikorrent quddiem il-Qorti tal-Magistrati u l-akkuza giet registrata fit-3 ta' Mejju 2013. Inoltre r-rikorrent ghamel zewg stqarrijiet, wahda fil-gurnata tal-arrest tieghu fit-28 ta' Marzu 2013 u l-ohra fit-2 ta' April 2013. Ghal dawn l-i*statements* kienet prezenti x-xhud filwaqt li PS 1579 Johann Mifsud kien prezenti fit-tehid tal-ewwel stqarrija u s-Supretendent Paul Vassallo kien prezenti fit-tieni stqarrija. Wara t-tieni *statement* hi qalet li r-rikorrent stqarr li ma ghamilx dak li ghamel ghall-interess politiku imma ghaliex hass li l-haddiema kienu ezemplari u kienu jistinkaw u ghalhekk hass li kellhom jghaddu.

"Qalet li l-Kummissarju John Rizzo ried li jinzamm infurmat dwar l-investigazzjoni. Wara li ghalqet l-investigazzjoni baghat ghaliha Peter Paul Zammit u talabha biex terga' ssejjah lir-rikorrent. Ma ftakritx id-data - kien f'April - izda sahhqet li kienet gja ghalqet l-investigazzjoni. Kienet prezenti waqt il-laqgha izda ma ttiehdet l-ebda stqarrija. Qalet li "*Min ghalija ma hareg xejn gdid."*

"Fuq mistoqsija tal-Qorti wiegbet li din il-laqagha sehhet qabel ma ppresentaw l-akkuzi izda kienet ghalqet ir-rapport taghha u kienet gja hadet il-parir mill-Avukat Generali. L-investigazzjoni inghalqet fl-4 ta'

April 2013. Qalet ukoll li l-proceduri kriminali kienu fl-istadju tal-provi tad-difiża.

"**In kontro ezami** qalet li l-inkontru bejn Peter Paul Zammit u r-rikorrent sehh meta kien spicca il-Kummissarju John Rizzo. L-inkontru sar fl-ufficju tal-Kummissarju tal-Pulizija. Id-diskors mar-rikorrent kien dwar il-kaz tieghu. Qalet li wara li kkonsultat mal-AG kien hemm tliet persuni li kienu intbaghtu ghalihom. Pero` r-rapport ta' x'kien gara u ma garax u dwar il-passi li kienu ser jittiehdu inghalqet dak inhar. Fl-4 ta' April 2013 intalab ir-rapport u ghaddietu lis-superjuri taghha.

"Qalet ukoll li dak li qalilha r-rikorrent wara t-tieni stqarrija ma tnizzlitx fl-istqarrija. Hu ried jitkellem *off the record* u l-istqarrija kienet gja maghluqa. Ma gietx riprodotta fl-i*statement.*

"Xehed **Xavier Zammit**, (fol.198) *Communications Coordinator* fil-Ministeru tal-Edukazzjoni u Xoghol. Kien prezenti waqt il-Konferenza Stampa in kwistjoni u qal li ma ssemmewx ismijiet. In **kontro-ezami** qal li ma saritx laqgha mal-gurnalisti qabel il-konferenza stampa. Qal li ma gabarx ir-rapportagg tal-media fuq il-konferenza. Ma kienx jaf jekk kienx beda l-process ta' *press review* dak iz-zmien billi kien ghadu fl-ewwel xahar tal-impieg tieghu. Qal li intervisti mal-gurnalisti individwali wara l-konferenza isir dejjem u hekk gara dakinhar ukoll.

"**Provi ohra prodotti**

"Gew esebiti[2] kopja tad-DVD tas-servizz imxandar fuq l-ahbarijiet ta' Xandir Malta, tal-Konferenza Stampa msejha mill-Onorevoli Evarist Bartolo, Ministru tal-Edukazzjoni u Xoghol fl-4 ta' Mejju 2013 kif ukoll it-traskrizzjoni tas-servizz.(PBS1A sa PBS 2).

"Illi fl-ahbarijiet imxandra tal-konferenza stampa gie rrapurtat li kien ikkonfermat li sar tbaghbis fl-ezami tac-civil li sar f'Jannar ta' dik is-sena (2013) u li fil-jiem li gejjin kienu ser jitressqu ghadd ta' persuni akkuzati bi frodi u bi tbaghbis fil-marki tal-ezami tas-servizz pubbliku. Il-Ministru qal li poggew 799 kandidat ghall-ezami li minnu 671 ghaddew - u dan billi tnaqqsu l-marki anke b'19-il punt, izda kien hemm zewg karti partikolari fejn il marki zdiedu b'26 marka.

"Il-Ministru qal li ser ihalli lill-pulizija taghmel xogholha u mhux ser jidhol fil-mertu tal-investigazzjoni. Gie rrappurtat ukoll li l-Ministru qal li persuna kienet kixfet kif saret pressjoni fuq l-ezaminaturi biex jitbaghbsu l-marki. Dan is-servizz sar mill-gurnalista Maria Muscat.

"**Konsiderazzjonijiet dwar il-Fatti u l-impostazzjoni tal-kaz.**

"Il-lezjoni lmentata mir-rikorrent tad-dritt tieghu ghas-smigh xieraq, tikkonsisti fis-segwenti:-

2 Xhieda ta' **David Bonello** a fol 38 *et.seq.*

"1 Lezjoni tad-dritt tieghu ghas-smigh minn Qorti indipendenti u imparzjali.

"2. Lezjoni tal-dritt tal-prezunzjoni tal-innocenza minhabba dak li ntqal mill-Ministru tal-Edukazzjoni u Xoghol fil-Konferenza Stampa imsemmija. Fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu sussegwentement ghamel riferenza ghad-diversi artikoli li dehru fil-medja.(fol 204)

"3. Lezjoni tad-drittijiet tieghu waqt l-interrogatorju li saritlu minn Peter Paul Zammit fit-18 ta' April 2013 marbuta wkoll mad-dritt ghas-smigh xieraq.

"**Intempestivita'**

"Illi l-intimati eccipew l-intempestivita' tat-talbiet odjerni fil-kuntest tal-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni u tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni billi hu pacifiku fil-gurisprudenza taghna li l-Qorti tinvestiga l-proceduri fl-assjem taghhom.

"Illi kif gie ritenut mill-Qorti Kostituzzjonali fil-kaz **Victor Lanzon et v Kummissarju tal-Pulizija** (Q.Kost. dec.fid-29 ta' Novembru 2004). "*Huwa principju accettat kemm fil-gurisprudenza ta' Strasbourg*[3] *kif ukoll f'dik ta' din il-Qorti*[4] *li, biex wiehed jiddeciedi jekk kienx hemm nuqqas ta' smigh xieraq wiehed irid jara u jezamina l-procedura gudizzjarja kollha kemm hi fit-totalita` taghha*. "

"(Ara wkoll ad.ezempju l-kaz **Van Mechelen and Others v. The Netherlands** , dec. 23 April 1997 – para. 50 ).

"Fil-kaz prezenti l-proceduri kontra r-rikorrent kienu ghadhom pendenti quddiem il-Magistrat inkwirenti li ghandu funzjoni biss li jistabbilixxi jekk hemm bazi *prima facie* biex l-akkuzat jitressaq taht akkuza.

---

[3] "*In contrast with the other more precise guarantees in Article 6(1), this right to a 'fair hearing' has an open-ended, residual quality. It provides an opportunity both for adding other specific rights not listed in Article 6 that are considered essential to a 'fair hearing' and for deciding whether a 'fair hearing' has occurred on the particular facts of a given case <u>when the proceedings are looked at as a whole.</u> In criminal cases, it has to be read together with the specific guarantees in Articles 6(2) and (3). Whereas the latter are subsumed within the former, the general guarantee of a fair hearing in Article 6(1) has elements that supplement those specified in Articles 6(2) and (3)." : Harris D.J., O'Boyle M. & Warbrick C., Law of the European Convention on Human Rights Butterworths (London), 1995, p. 202, sottolinear ta' din il-Qorti. Hekk ukoll, Alastair Mowbray, fil-ktieb tieghu Cases and Materials on the European Convention on Human Rights Butterworths (London), 2001 jghid hekk: "When determining if there has been a breach of the right to a fair hearing the court makes an evaluation of the fairness of the entire domestic proceedings…This approach also enables the Court to consider whether defects in first instance proceedings have been rectified by subsequent appellate hearings…" p. 305.*

[4] *Ara, per ezempju,* ***Dr. Lawrence Pullicino v. Onor. Prim Ministru u l-Avukat Generali tar-Repubblika Qorti Kostituzzjonali, 18/8/1998*** *: "Din il-Qorti hi tal-fehma illi meta jsir l-ezercizzju msemmi, m'hemmx dubbju li l-procedura kollha fil-kumpless taghha, fil-konfront tar-rikorrent, fid-diversi qrati u fid-diversi stadji, kienet gusta…" Kollezz. Vol. LXXXII.i.158, a pagna 225.*

"Illi dan kollu premess, din il-Qorti tiddeciedi billi tilqa' l-eccezzjoni tal-intempestivita' in kwantu tirreferi ghall-applikazzjoni tal-artikolu 39 (1) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea salv dak li ser jigi trattat iktar 'il quddiem in konnessjoni mal-lanjanza dwar Peter Paul Zammit.

"**Konsiderazzjonijiet ta' Dritt**

"**L-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni**

"Illi għal dak li jirrigwarda l-allegat ksur l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni, għandu jingħad li, fil-partijiet tiegħu rilevanti għal dan il-każ, dak l-artikolu jipprovdi li: "(1) *Kull meta xi ħadd ikun akkużat b'reat kriminali huwa għandu, kemm-il darba l-akkuża ma tiġix irtirata, jiġi mogħti smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli minn qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b'liġi. ... (5) Kull min jiġi akkużat b'reat kriminali għandu jiġi meqjus li jkun innoċenti sakemm jiġi pruvat jew ikun wieġeb li huwa ħati: Iżda ebda ħaġa li hemm fi jew magħmula skont l-awtorita ta' xi liġi ma titqies*
*li tkun inkonsistenti ma' jew bi ksur ta' dan is-subartikolu safejn dik il-liġi timponi fuq xi persuna akkużata kif intqal qabel il-piż tal-prova ta' fatti partikolari."*

"Illi l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta jagħmilha ċara li l-jedd ta' smigħ xieraq fil-qafas ta' proċeduri kriminali jiddependi minn (a) akkuża li (b) tkun qegħda tinstama' minn Qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b'liġi. Dan l-artikolu ġie mfisser mill-Qrati tagħna bħala li japplika biss fejn ikun inbeda proċediment quddiem qorti li, fl-għeluq ta' dak il-proċediment, tista' tasal biex tagħti deċiżjoni li tiddetermina l-ħtija jew in-nuqqas ta' ħtija tal-persuna akkużata. Għalhekk, tqies li d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni la jgħoddu dwar proċeduri quddiem il-Qorti Kriminali bħala Qorti Inkwirenti[5] u lanqas għal proċeduri quddiem il-Qorti Kriminali bħala Qorti Istruttorja[6].

"Illi minħabba li ċ-ċirkostanzi li dwarhom ir-rikorrent ressaq it-talba jirrigwardaw ġrajjiet (il-Konferenza Stampa u l-interrogatorju fil-kwartieri generali tal-puzlija) li seħħew qabel ma kien inbeda xi proċediment kontra l-akkużat, l-ilment tiegħu jaqa' 'l hinn mill-ambitu tal-artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni .

"Ghaldaqstant  il-kaz odjern ser jigi ezaminat fil-kuntest tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea.

"**Artikolu 6 tal-Konvenzjoni**

[5] P.A. (Kost.) 17.1.2002 fil-kawża fl-ismijiet **Karl Heinrich Muscat vs l-Avukat Ġenerali et.**
[6] Kost. 16.10.2002 fil-kawża fl-ismijiet **Anthony Żarb et vs Ministru tal-Ġustizzja.**

"Illi d-drittijiet fundamentali sanciti b'dan l-artikolu jinvolvu fl-ewwel lok li fi proceduri kriminali ghandu jkun hemm smigh xieraq, imparzjali u pubbliku quddiem qorti jew tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqfin b'ligi u li huma accessibbli ghall-akkuzat. Fit-tieni lok tinghata protezzjoni lil min hu akkuzat b'reati kriminali u cioè li huwa ghandu jigi meqjus li hu innocenti sakemm jigi pruvat li huwa hati u garanziji ohra hemm sanciti.

"Illi l-Artikolu 6 (2) jiddisponi "*(2) Kull min ikun akkuzat b'reat kriminali għandu jiġi meqjus li jkun innoċenti sakemm ma jiġix pruvat ħati skont il-liġi."*

"Ikkonsidrat li d-drittijiet fundamentali sanciti b'dawn l-artikoli jinvolvu fl-ewwel lok li fi proceduri kriminali ghandu jkun hemm smigh xieraq, imparzjali u pubbliku quddiem qorti jew tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqfin b'ligi u dana b'referenza ghall-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea. Fit-tieni lok tinghata protezzjoni lill-investigat jew l-imputat akkuzat b'reati kriminali u cioè li huwa ghandu jigi meqjus li hu innocenti sakemm jigi pruvat li huwa hati u dana *a tenur* tal-artikolu 39(5) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6(2) tal-Konvenzjoni Ewropea.

"Hu importanti li tigi mfissra l-portata tal-artikolu 6(2) tal-Konvenzjoni. It-tifsira li tinghata lit-terminu "*criminal charge"* hija wahda awtonoma, indipendentement mit-tifsira li tinghata fl-ordinament guridiku nazzjonali u dan il-principju interprettativ jghodd fil-kuntest shih tal-artikolu 6.

"Fil-kaz **Eckle v Germany**[7] il-kelma *"charge for the purposes of Article 6 par. 1 (art. 6-1), may be defined as "the official notification given to an individual by the competent authority of an allegation that he has committed a criminal offence", a definition that also corresponds to the test whether "the situation of the [suspect] has been substantially affected"* . Dan gie abbraccjat fil-kaz **Foti and Others v Italy** "*it may in some instances take the form of other measures which carry the implication of such an allegation and which likewise substantially affect the situation of the suspect (see, inter alia, the Eckle judgment of 15 July 1982, Series A no. 51, p. 33, § 73)."*[8] U kif gie precizat fil-kaz **Wloch v Poland**[9]

> "*"1. The Court first recalls that in criminal matters, the "reasonable time" referred to in Article 6 § 1 begins to run as soon as a person is "charged"; this may occur on a date prior to the case coming before the trial court (see, for example, the* ***Deweer v. Belgium*** *judgment of 27 February 1980, Series A no. 35, p. 22, § 42), such as the date of arrest, the date when the person concerned was officially notified that he would be prosecuted, or the date when preliminary investigations*

---

[7] Grand Chamber - *Application no. 8130/78 - ,15 July 1982*

[8] **Foti and Others v Italy** - (*Application no. 7604/76; 7719/76; 7781/77; 7913/77)- 10,December 1982.*

[9] Application no. 27785/95 - 19 October 2000

*were opened (see the **Wemhoff v. Germany** judgment of 27 June 1968, Series A no. 7, pp. 26-27, § 19; the Neumeister v. Austria judgment of 27 June 1968, Series A no. 8, p. 41, § 18; and the Ringeisen v. Austria judgment of 16 July 1971, Series A no. 13, p. 45, § 110).*

"Fil-kaz odjern, jirrizulta li r-rikorrent tressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti Inkwirenti fit-3 ta' Mejju 2013. Ghal dak li jirrigwarda l-Konferenza Stampa mizmuma fl-4 ta' Mejju 2013, ghalhekk, ma hemm l-ebda kwistjoni dwar l-applikabbilita' tal-artikolu 6(2) tal-Konvenzjoni.

"Ikkonsidrat ukoll li l-interrogazzjoni minn Peter Paul Zammit sar fit-18 ta' April 2013. Izda skont kif jirrizulta mix-xhieda tal-Ispettur Anne Marie Xuereb, hi kienet ikkonkludiet l-investigazzjoni taghha u ghamlet rapport gja fl-4 ta' April 2013. Ghaldaqstant meta r-rikorrent gie assoggettat ghall-interrogazzjoni ulterjuri, ma kienx persuna li kien "qed jghin" lill-pulizija, imma persuna suspettata li wasslet biex titressaq quddiem il-Qorti taht akkuzi formali. F'tali sfond, l-interrogatorju jista' jitqies lesiv tad-dritt tar-rikorrent ghas-smigh xieraq fit-termini tal-artikolu 6(1) u 6(2) tal-Konvenzjoni.

"Il-Qorti ghalhekk m'ghandhiex riservi f'dan ir-rigward u testendi l-protezzjoni tal-artikolu 6 anke ghall-interrogatorju minn Peter Paul Zammit - kwistjoni li ser tigi kkonsidrata aktar 'il quddiem.

"**Il-Konferenza Stampa tal-4 ta' Mejju 2013.**

"**L-ewwel ilment tar-rikorrent jikkoncerna l-impatt tal-Konferenza Stampa fuq il-prezunzjoni tal-innocenza.**

"Id-dritt sancit fl-artikolu 6(2) tal-Konvenzjoni fil-kuntest ta' stqarrijiet minn ufficjali pubblici rigward persuni li qed jissubixxu proceduri kriminali gie trattat mill-Qrati taghna u mill-Qorti Ewropea.

"Dawn il-principji gew migbura mill-Qorti Kostituzzjonali fil-kaz **Il-Pulizija v Dr Noel Arrigo et -** 29 ta' Ottubru 2003.

"*"Fil-fehma ta' dina l-Qorti, dawn il-principji jemergu mis-segwenti brani tas-sentenza recenti hafna in materja tal-Qorti Ewropea, **Butkevicius v. Lithuania**, tas-sitta u ghoxrin (26) ta' Marzu, 2002 :*

"*"49. The Court recalls that the presumption of innocence enshrined in Article 6 § 2 of the Convention is one of the elements of a fair criminal trial guaranteed by Article 6 § 1.*
*It will be violated if a statement of a public official concerning a person charged with a criminal offence reflects an opinion that he is guilty before he has been proved so according to law. It suffices, even in the absence of a formal finding, that there is some reasoning to suggest that the official regards the accused as guilty. Moreover, the presumption of innocence may be infringed not only by a judge or*

*court but also by other public authorities (**Daktaras v. Lithuania …)**[10]**.** In the above mentioned Daktaras case the Court emphasised the importance of the choice of words by public officials in their statements before a person has been tried and found guilty of an offence. Nevertheless, whether a statement of a public official is in breach of the presumption of innocence must be determined in the context of the particular circumstances in which the impugned statement was made."*

"Dawn il-principji gew ribaditi f**il-kaz Fatullayev v Azerbaijan:**

"**"** *2. The Court reiterates that Article 6 § 2, in its relevant aspect, is aimed at preventing the undermining of a fair criminal trial by prejudicial statements made in close connection with those proceedings. The presumption of innocence enshrined in paragraph 2 of Article 6 is one of the elements of the fair criminal trial that is required by paragraph 1 (see **Allenet de Ribemont,** cited above, § 35). It not only prohibits the premature expression by the tribunal itself of the opinion that the person "charged with a criminal offence" is guilty before he has been so proved according to law (see **Minelli v. Switzerlan**d, 25 March 1983, § 38, Series A no. 62), but also covers statements made by other public officials about pending criminal investigations which encourage the public to believe the suspect guilty and prejudge the assessment of the facts by the competent judicial authority (**see Allenet de Ribemont,** cited above, § 41, and **Daktaras v. Lithuania,** no. 42095/98, §§ 41-43, ECHR 2000-X). The Court stresses that Article 6 § 2 cannot prevent the authorities from informing the public about criminal investigations in progress, but it requires that they do so with all the discretion and circumspection necessary if the presumption of innocence is to be respected (see **Allenet de Ribemont,** cited above, § 38). (enfasi ta' din il-Qorti)..... A fundamental distinction must be made between a statement that someone is merely suspected of having committed a crime and a clear declaration, in the absence of a final conviction, that an individual has committed the crime in question. The Court has consistently emphasized the importance of the choice of words by public officials in their statements before a person has been tried and found guilty of a particular criminal offence (see **Khuzhin and Others v. Russia**, no. 13470/02, § 94, 23 October 2008, with further references).*" (enfasi ta' din il-Qorti).

"(Ara wkoll **Garycki v Poland 14348/02 6/2/2007** para 71**).**

"Illi huwa evidenti li l-artikolu 6(2) ma jzommx lill-persuni fdati bit-tmexxija tal-Gvern milli jinfurmaw il-pubbliku b'akkadut li jista' ikun ta' oltragg jew thassib ghall-pubbliku in generali.

"Hekk gie sottolinejat mill-Qorti Ewropea fil-kaz **Arrigo and Vella v Malta** [11]**:**

""*Moreover, the Court considers that in a democratic society it is inevitable that information is imparted when a serious charge of*

[10] App. no. 42095/98, §§ 41-42, ECHR 2000-X).
[11] Application no. 6569/04 on admissibility.

*misconduct in office is brought, as in the present case, against two high-ranked magistrates (see, mutatis mutandis,* ***Craxi v. Italy,*** *no. 34896/97, § 103, 5 December 2002). The fact that the applicants had important duties in the national judicial system at the time of the alleged offence required the highest State officials, including the Prime Minister, to keep the public informed of the alleged offence and the ensuing criminal proceedings (see, mutatis mutandis,* ***Butkevičius v. Lithuania****, no. 48297/99, § 50, ECHR 2002-II). Otherwise, the gravity of the accusations could have undermined the confidence which the courts in a democratic society must inspire in the public. However, respect for the presumption of innocence requires that the authorities use all the necessary discretion and circumspection (see* ***Allenet de Ribemont****, judgment quoted above, ibidem)."*

"Difatti l-qorti Ewropea fissret il-prezunzjoni tal-innocenza fil-kuntest tad-dritt tal-liberta' tal-espressjoni, fejn hija meqjusa fost il-limitazzjonijiet ghall-tali dritt. Hekk fil-kaz ***Allenet de Ribemont v Franza*** (numru 3/1994/450/529 deciza fit-23 ta' Jannar 1995) il-Qorti Ewropea rriferiet ghad-dritt tal-libertà tal-espressjoni sancit bl-artikolu 10 tal-Konvenzjoni u kkonfermat li dan jimplika l-libertà li wiehed jircievi u jghaddi informazzjoni. Skont il-Qorti ghalhekk il-provedimenti li jirrigwardaw id-dritt tal-prezunzjoni tal-innocenza ma jistawx jimpedixxu lill-awtoritajiet li jghatu informazzjoni lill-pubbliku dwar investigazzjonijiet ta' natura kriminali li jkunu ghaddejjin. Din l-informazzjoni però trid tinghata '*<u>with discretion and circumspection necessary if the presumption of innocence is to be respected</u>. In this case high ranking officers referred to applicant without any reservation or qualification as one of the instigators of the murder and thus as an accomplice in that murder. This was clearly a declaration of the applicant's guilt, which firstly encouraged the public to believe him guilty and secondly prejudged the assessment of the facts by the competent judicial authority*'." (enfasi ta' din il-Qorti).

"Illi l-lanjanza principali tar-rikorrent kif jirrizulta mir-rikors promotur hija li fil-konferenza stampa in kwistjoni, l-Ministru tal-Edukazzjoni ma zammx dik id-diskrezzjoni u c-cirkospezzjoni necessarjia bil-konsegwenza li jghid li gie lez id-dritt tieghu tal-prezunzjoni tal-innocenza.

"Il-Qorti mhix soddisfatta li dan gie ppruvat.

"Illi hu pacifiku li l-Ministru tal-Edukazzjoni u Xoghol, Evarist Bartolo, zamm Konferenza Stampa fid-data indikata miftuha ghall-gurnalisti mill-medja lokali. Il-Qorti hi tal-fehma li l-Ministru kien gustifikat li jghajjat din il-konferenza stampa. Il-kontestazzjoni hija dwar il-kontenut tad-diskors tieghu.

"Din il-Konferenza ixxandret fl-edizzjoni tal-Ahbarijiet fuq l-istazzjon tal-PBS u giet rapportata fil-medja kollha, kemm dik in-nhar b'rappurtagg *online,* kif ukoll l-ghadha fil-gazzetti stampati tal-Hadd. Il-Ministeru hareg *press release* permezz tad-Dipartiment tal-

Informazzjoni rigward is-suggett trattat fil-Konferenza. Ma hemmx dubbju li l-Konferenza nghatat pubblicita', kemm fil-medja stampata, kif ukoll fil-medja elettronika.

“Illi fl-ahbarijiet, dak li gie rrapurtat huwa s-segwenti kif johrog mid-DVD esebit:-

> “*"Ghadd ta' persuni ser jitressqu l-qorti akkuzati bi frodi u bi tbghabis fil-marki tal-ezami fis-servizz pubbliku li sar f'Jannar li ghadda;*
>
> “*Kienet persuna li kixfet kif saret pressjoni fuq l-ezaminaturi biex jitbaghbsu il-karti u kif ghandhom jitbaxxew il-marki ghaliex ghaddew wisq nies.*
>
> “*Gie rrapportat li kien ikkonfermat tbaghbis fl-ezamijiet tac-civil li ghalih poggew 799 ruh li minnu 671 ghaddew -u dan billi tnaqqsu l-marki anke b'19-il punt. Izda kien hemm zewg karti partikolari fejn il-marki mhux biss tnaqqsu imma zdiedu b'26 marka.*
>
> “*Il-Ministru qal li ser ihalli lill-pulizija taghmel xogholha u mhux ser jidhol fil-mertu tal-investigazzjoni. Min-naha tieghu ser jara li wara dan l-iskandlu l-Bord tal-ezamijiet ikun wiehed serju u jiggwadanja lura l-fiducja li kien tilef. Allura ser jaghti ordni lill-Bord tal-ezamijiet biex jevalwa l-process u l-affarijiet isiru b'integrita u b'onesta u li l-marki igibuhum fuq kif marru fl-ezami u mhux bit-tbaghbis."*

“Dan il-kontenut huwa rifless fil-*Press Release* tad-Dipartiment tal-Informazzjoni li nghata lill-medja.

“Illi minn dak imxandar u mill-Press Release, huwa evidenti li l-Ministru ma semmiex isem ir-rikorrent u lanqas individwah b'xi mod iehor. Il-Ministru jitkellem b'mod generali dwar l-investigazzjoni u li "*ghadd ta' persuni"* ser jitressqu l-Qorti. Mhuwiex bizzejjed, kif donnu jippretendi r-rikorrent, li l-Ministru ghamilha fatta li sar tbaghbis diment li dan il-fatt kompjut ma jkunx marbut mal-individwu li ser jitressaq quddiem l-organu gudizzjarju. Il-Ministru ma ghamilx ness bejn l-akkadut u r-rikorrent in partikolari la direttament u lanqas b'inferenza. Huwa minnu li rrefera ghall- "*ufficjal"* izda hemm hafna ufficjali fid-dipartiment mhux ir-rikorrent biss. Il-Qorti ghalhekk ma tikkonsidrax li qabez il-limitu tad-diskrezzjoni fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz.

“Illi s-sitwazzjoni hija kemmxejn differenti kkonsidrati r-rapporti li deheru fil-gazzetti lokali u *online*, partikolarment tal-*Malta Today,* tat-*Times of Malta* u tal-*Orizzont.* F'dawn ir-rapporti, li kopji taghhom huma esebiti in atti, hemm riferenza cara ghall-Alfred Zaffarese bhala l-persuna li hija fil-mira tal-investigazzjonijiet tal-pulizija u li ser titressaq taht akkuzi konnessi mat-tbaghbis fil-marki.

“Minn qari ta' dawn ir-rapporti, huwa car li qed tigi attribwita htija lir-rikorrent. Hekk johrog mir-rapport ta' Miriam Dalli fl-edizzjoni tal-Hadd 5 ta' Mejju 2013 ntitolat "**Former acting director for examinations bumped up exams results"** (Dok MD2 a fol 32) bis-sottotitlu "**Police**

**probe on alleged favouritism reveal Alfred Zaffarese reportedly acted alone - altered exam results of two of the secretaries working in his office who failed the exams.** Miriam Dalli identifikat fejn, fl-artikoli taghha, irraportat dak li qal il-Ministru li hu riproduzzjoni fidili ta' dak li jirrizulta fix-xandira u l-bqija hija r-rizultat tal-investigazzjonijiet taghha.

“Semmiet ukoll li kien hemm rapporti precedenti tal-*Malta Today* tat-8 ta' April 2013 fejn il-gazzetta zvelat li Alfred Zaffarese kien gie interrogat mill-pulizija. Dawn ir-rapporti ma gewx prodotti f'din il-kawza.

“Fit-*Times of Malta* hemm rapportat li "*Mr Bartolo said he regretted that soon after he took over, he needed to call in the police to investigate alleged abuse in a public exam where it appeared that* <u>*whoever was in charge*</u> *had asked people to tamper with the results."*[12] (sottolinear ta' din il-qorti). Inoltre fl-istess edizzjoni hemm irrapportat *"At least one person - an official of the Examinations Department - is to be taken to court and accused of exam fraud following changes in the markings of the exam for executive officers in the civil service, Education Minister Evarist Bartolo said this morning" (fol 68).*

“Hekk ukoll fis-*Sunday Times of Malta* tal-5 ta' Mejju 2013 gie rapportat li "*Official to be charged with exam tampering."* Hawn jinsab irrapportat:

> “*"At least one Examinations Department official will be charged with fraud following allegations of tampering with civil service examinations, Education Minister Evarist Bartolo revealed yesterday."*

“Aleander Balzan, gurnalista li rraporta ghat-*Torca* u ghall-*iNews*, xehed li l-kontenut tar-rapport tieghu kien jikkonsisti f'rappurtagg tal-konferenza tal-Ministru Bartolo, u mbaghad hemm ukoll taghrif li jien gibt mill-"qrib mill-investigazzjoni."

“**Id-Dritt ghal-Liberta' tal-Espressjoni u d-dritt tal-akkuzat tal-prezunzjoni tal-innocenza**

“Illi r-rikorrent, fis-sottomissjonijiet tieghu, rrefera kemm ghall-istqarrija ministerjali, kif ukoll ghar-rapporti gurnalistici. Infatti huwa fir-rapporti li jissemma' ismu bhala l-persuna li ser titressaq il-Qorti in konnessjoni mal-fatti rrappurtati.

“Ir-rikorrent issottometta li hemm ness ta' kawza u effett bejn il-konferenza stampa u r-rapporti gurnalistici u jghid li "*x-xenarju li ghandha quddiemha din il-Qorti huwa tipiku ta' xi hadd gara l-gebla lejn l-esponent u heba idejh."*

[12] Para 16 tan-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrent.

“Il-Qorti ma taqbilx ma’ din l-interpretazzjoni. Ma hemm xejn fil-provi li jsostni ness dirett bejn il-kliem tal-Ministru u dak irrapportat. Ghall-kuntrarju, jirrizulta ppruvat li r-rapporti gurnalistici fejn implikaw lir-rikorrent direttament b'ismu huma r-rizultat ta' investigazzjoni indipendenti u aktar approfondit mill-istess gurnalisti fejn uzaw sorsi fil-pulizija.

“Huwa gja stabbilit li l-prezunzjoni tal-innocenza ma teskludix id-dritt ta' espressjoni, li huwa dritt daqstant importanti fi stat demokratiku. Il-qorti llum ghandha l-kompitu li tindaga l-bilanc stabbilit bejn ir-responsabbilita' ta' ufficjal pubbliku hu d-dover tieghu li jzomm il-pubbliku informat mad-drittijiet procedurali u sostantivi tal-akkuzat.

“Illi r-rikorrent fin-nota tieghu, jaccenna wkoll ghall-pubblicita' marbuta mal-process kriminali li hija garanzija tas-smigh xieraq[13] izda jargumenta li l-konferenza stampa u d-diversi artikli li dehru sussegwentement zgur li ma kienux ta' protezzjoni ghalih u ghall-prezunzjoni ta' l-innocenza tieghu. Jghid ukoll li mill-provi prodotti ghandu jirrileva li l-kaz odjern kellu hafna attenzjoni mill-medja u dan ma sewiex ta' gid ghad-drittijiet tieghu.

“Illi kif tajjeb josserva l-intimat fin-nota tieghu, r-rapporti fil-medja 'l hinn mir-rapport tal-konferenza stampa mhumiex parti mir-rikors promotur u jissottometti li din il-Qorti ghandha tindirizza l-kaz kif ifformulat.

“*Illi, izda, l-Qorti tfakkar li kif gie enuncjat mill-Qorti Kostituzzjonali fil-kaz* **Il-Pulizia v Carmelo sive Charles Ellul Sullivan** (Dec. -24 ta' Jannar 1991):

> “*"Il-Qorti kkonsidrat li fi proceduri ta’ natura kostituzzjonali - certi regoli u normi ta’ natura procedurali necessarji fil- kawza ta’ natura civili jew kummercjali mhumiex dejjem applikabbli u dan principalment ghalhiex fil konkluzjoni tal kawza, il-Qorti hija moghtija poteri rimedjali, diskrezzjonalment vastimu b'hekk ma hemmx rabta essenzjali bejn dak li hu mitlub u dak li jista jigi koncess u r-regola vinkolanti mahrufa bhala ultra petita tal-kawza kollha ta natura civili jew kummercjali. Anzi l-Qorti f'kawza ta natura kostituzzjonali , fil-kazijiet kongruwi, hija ghandha l-obbligu li biex taghti rimedju efficenti tmur extra petita. Dan jghod specjalment fil kazijiet fejn ir-rikrorrent qed jipprospetta ksur futur tad-drittijiet tieghu."*

“**Ikkonsidrat li fil-kaz odjern, huwa ta' thassib ferm li xi gurnalisti ottjenew informazzjoni dwar l-akkuzat mill-pulizija sahansitra qabel ma tressaq il-Qorti.**

“Ikkonsidrat li f'socjeta' demokratika, huwa inevitabbli li l-medja jirraportaw fuq kazijiet ta' interess pubbliku u dan jista' jippregudika l-garanzija tal-prezunzjoni tal-innocenza. Il-liberta' tal-espressjoni tfisser

[13] **Lawrence Pullicino v The Hon. Prime Minister et.al. Q.Kost. - 18 ta' Awwissu 1998**

ukoll li huwa d-dritt tal-pubbliku ghall-informazzjoni. Imma dan mhuwiex minghajr limiti. Difatti l-Qorti Ewropea kkonsidrat din it-tema f'diversi decizjonijiet. Ad esempju fil-kaz ta' **Kuzmin v Russia** gie ribadit li :

> “*" 3. ....... La Cour rappelle à cet égard qu'une campagne médiatique virulente est dans certains cas susceptible de nuire à l'équité du procès, en influençant l'opinion publique et, par là-même, les juridictions appelées à se prononcer sur la culpabilité d'un accusé (voir, mutatis mutandis, Viorel Burzo, précité, § 158)...."*

“Il-gurnalisti ghandhom responsabbilita' li jirrispettaw il-limiti imposti b'din il-garanzija. Dwar dan gie enuncjat fil-kaz **Craxi v Italy [14]:**

> “*" **99** D’altra parte, si è d’accordo in generale nel pensare che i tribunali non possono funzionare nel vuoto: benché essi abbiano come unica competenza quella di pronunciarsi sulla colpevolezza o l’innocenza in merito ad un’accusa in materia penale, non risulta affatto che precedentemente o contemporaneamente, le questioni di cui vengono a conoscenza non possano dar luogo a discussione, o sulle riviste specializzate, o sulla grande stampa o presso il pubblico in generale (vedere,* mutatis mutandis, Sunday Times (n$^{o}$1) c. Regno Unito, *sentenza del 26 aprile 1979, serie A n$^{o}$ 30, p. 40, § 65, e* Papon c. Francia *(dec.), n$^{o}$ 54210/00, 19 novembre 2001, non pubblicata)."*

“Inoltre:

> “*"101.......I giornalisti devono ricordarsene quando redigono articoli su processi penali pendenti, perché i limiti del commento ammissibile non possono conglobare dichiarazioni che rischierebbero, intenzionalmente o no, di ridurre le possibilità di una persona di beneficiare di un processo equo o di minare la fiducia del pubblico nel ruolo svolto dai tribunali nell’amministrazione della giustizia penale (***Worm c. Austria***, sentenza del 29 agosto 1997,* Recueil *1997-V, pag. 1552, § 50;* **Pullicino c. Malte** *(dec.), n$^{o}$ 45441/99, 15 giugno 2000, non pubblicata;* Papon c. Francia*, decisione prima citata)."*

“Illi r-rikorrent issottometta li dak irrappurtat jista' jledi d-dritt tieghu ghas-smigh xieraq quddiem Qorti ndipendenti u imparzjali. Jiccita l-Qorti Ewropea fil-kaz **Barbara, Mesegue & Jabardo v Spain[15]** fejn inghad li hemm bzonn li l-membri tal-Qorti "*Should not start with the preconceived idea that the accused has committed the offence charged; the burden of proof is on the prosecution and any doubt should benefit the accused."*

“Illi kif gia ben ritenut mill-Qorti Ewropea fil-kawza **Lawrence Pullicino v. Malta[16]** “… *The existence of impartiality for the purposes of Article 6 (1) must be determined according to a subjective test, that is on the basis of the personal conviction of a particular judge in a*

[14] App.No 34896/97 - 5 Dec.2002
[15] App.No. 10590/83
[16] App. No. 45441/99)

*given case, and also according to an objective test, that is ascertaining whether the judge offered guarantees sufficient to exclude any legitimate doubt in this respect. As to the subjective test, the applicant has not disputed the personal impartiality of the trial judge.*

"*Under the objective test, it must be determined whether, quite apart from the judge's personal conduct, there are ascertainable facts which may raise doubts as to his impartiality. The Court observes that the judge who presided at the applicant's trial revoked his bail in the days preceding the trial. The Court is not persuaded by the applicant's assertion that the nature of that decision shaped the judge's view about his credibility and honesty as a witness in the trial proceedings … The determination of that question ultimately lay in the hands of the jurors"*

"Illi din il-kwistjoni giet trattata wkoll mill-Qorti Kostituzzjonali fil-kaz **Noel Arrigo et v Avukat Generali** fuq citata fejn il-qorti rriteniet li " *fis-sistema guridika taghna hemm garanziji u salvagwardji bizzejjed b'mod illi, anke jekk kellu jirrizulta illi, permezz ta' kliem illi ntqal waqt il-konferenza stampa in kwistjoni, giet pregudikata l-prezunzjoni ta' l-innocenza ta' l-appellanti, ma jistax jinghad illi r-reati kriminali illi bihom huma akkuzati l-istess appellanti ma jigux determinati minn qorti oggettivament indipendenti u imparzjali. Fil-fehma ta' dina l-Qorti, dan japplika kemm jekk il-proceduri kriminali relattivi jigu determinati mill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, kemm jekk l-istess proceduri jigu determinati mill-Qorti Kriminali, bil-partecipazzjoni tal-gurati jew minghajr din il-partecipazzjoni, u kemm f'kaz ta' xi eventwali appell quddiem il-Qorti ta' l-Appell Kriminali."*

"Illi l-Qorti hi tal-fehma li r-rikorrent ma ppruvax li sofra xi lezjoni fid-dritt tieghu garantit bl-artikolu 6(2) tal-Konvenzjoni. Mhuwiex bizzejjed li jghid li r-reputazzjoni tieghu sofriet minhabba dak irrapportat fil-medja. Dan jista' jghidu kullhadd li jitressaq taht akkuza kriminali u dan jigi rrapportat fil-medja fejn jissemmew b'isimhom, anke qabel ma jinbeda s-smigh tal-process kriminali. Anke l-proceduri gudizzjarji, **bi protezzjoni stess tal-akkuzat**, jinzammu miftuha ghall-pubbliku salvi kazijiet eccezzjonali.

"Illi hawnhekk il-qorti taghmel distinzjoni bejn li jissemma' fil-medja l-isem ta' persuna akkuzata jew li ser tigi akkuzata b'offiza u fejn tigi attribwita htija lil dik il-persuna qabel ma jinghata s-smigh garantit bil-ligijiet taghna. Ovvjament huwa t-tieni cirkostanza li taqbez il-limiti tal-liberta' tal-espressjoni. Daqskemm pajjiz demokratiku jhaddan il-liberta' tal-kelma u l-liberta' tal-medja, huwa essenzjali li persuna akkuzata b'reat ma tigix *prejudged* fil-forum tal-opinjoni pubbliku .

"Dan premess ir-rikorrent kellu jipprova li r-rapporti fil-medja hallew l-impatt taghhom fuq l-imparzjalita' tal-gudikant izda ma ressaqx l-icken prova fir-rigward. Ma hemm xejn li jista' iwassal lil din il-Qorti biex

tikkonkludi li r-rapporti imsemmija affettwaw l-imparzjalita' soggettiva jew oggettiva tal-gudikant. Is-semplici fatt li r-rikorrent ihoss ruhu oltraggjat li ismu ssemma' fil-medja mhuwiex bizzejjed ghall-fini tal-artikolu 6(2) imma jrid jipprova li minhabba f'hekk mhuwiex ser jinghata smigh xieraq.

"**Ghaldaqstant ghal dawn il-motivi, l-Qorti ser tichad it-talba billi ma ssibx li l-fatti in mertu jledu l-artikolu 6(2) tal-Konvenzjoni.**

"**L-Interrogazzjoni kondotta minn Peter Paul Zammit**

"Il-Qorti hija soddisfatta li gie ppruvat li meta r-rikorrent gie interrogat fil-Kwartieri Generali tal-Pulizija minn Peter Paul Zammit, dan lanqas biss kien gie reintegrat fil-korp tal-Pulizija. L-interrogazzjoni sehhet fit-18 ta' April 2013 filwaqt li l-korrispondenza u d-dokumentazzjoni esebita juru li z-zewg hatriet tieghu - ta' Supretendent u Kummissarju tal-Pulizija - gew approvati mill-Prim'Ministru fuq il-parir tal-*Public Service Commission* fit-22 ta' April 2013. Huwa minnu li dawn iz-zewg hatriet saru b'effett retroattivi ghat-12 u ghat-13 ta' April 2013 rispettivament izda dan ma jbiddilx l-illegittimita' tal-interrogatorju li sehh qabel il-hatra ufficjali tieghu.

"Skont l-artikolu **92 (4) tal-Kostituzzjoni ta' Malta** l-kapijiet ta' dipartimenti tal-gvern li ma jkunux dawk li l-mod ta' ħatra tagħhom huwa speċifikatament provdut fil-Kostituzzjoni għandhom ikunu maħtura minn fost l-uffiċjali pubbliċi anzjani mill-Prim Ministru wara konsultazzjoni mal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

"Dan il-process huwa tassattiv, rigoruz u ma jippermettix abbuzi.

"Il-Qorti tikkonkludi ghalhekk li Peter Paul Zammit ma setax jinterroga lir-rikorrent billi ma kellu l-ebda kariga mal-Pulizija fit-18 ta' April 2013. Kwindi l-Qorti taqbel li tul din l-interrogazzjoni, li damet saghtejn skont ir-rikorrent u mhux kontradett mill-intimati, kien arrestat illegalment. Taqbel mar-rikorrent li din l-interrogazzjoni ma kellhiex issir u tipprezenta abbuz tad-drittijiet u libertajiet tieghu.

"Madanakollu ma taqbilx li dan il-fatt tabilfors ser iwassal ghal-lezjoni tas-smigh xieraq fil-process kriminali pendenti anke *stante* l-konsiderazzjoni li dawn il-proceduri ghadhom qed jinstemghu.

"Gie stabbilit li r-rikorrent ghamel zewg stqarrijiet quddiem ufficjali tal-Pulizija u li sussegwentement l-ufficjal li kienet qed tinvestiga l-kaz tkellmet mal-Avukat Generali u ghalqet l-investigazzjoni taghha. Dan sehh fl-4 ta' April 2013. Il-Qorti tifhem li dawn l-istqarrijiet u r-rapport tal-Ispettur Xuereb xprunaw il-hrug tal-akkuzi kontra r-rikorrent. Ghalhekk mhux il-kaz li l-interrogazzjoni ta' Peter Paul Zammit wasslet ghall-proceduri kriminali.

"Jirrizulta inoltre li ma inghatatx stqarrija mir-rikorrent f'dak l-interrogatorju izda hawnhekk il-mistoqsija li tqum hija dwar l-skop li setghet isservi laqgha ta' saghtejn. Ir-rikorrent ma xehet l-ebda dawl fuq dak li ntqal f'dik is-seduta li zamm mal-Kummissarju "elett" u mhuwiex il-kompitu ta' din il-Qorti li tipotetizza dak li seta' ghadda bejniethom. Bilfors gie diskuss il-kaz ghaliex ir-rikorrent xehed li fl-ahhar Peter Paul Zammit qallu biex ifittex avukat. Imma certament mhix normali li tinzamm laqa' bejn persuna li qed tagixxi fil-vesti ta' Kummissarju, u allura, tal-oghla ufficjal tal-Pulzija li ser imexxi l-prosekuzzjoni kontra l-istess rikorrent, u lanqas ikun hemm l-icken *minuta* jew *record* tal-laqgha.

"Din il-Qorti, adita biex tassigura li l-garanziji kostituzzjonali u konvenzjonali jigu osservati u implimentati, hija tal-fehma konsiderata li **l-interrogazzjoni li saret minn Peter Paul Zammit kienet wahda illegali u abbuziva billi ma kellux awtorita' ezekuttiva mehtiega bil-Ligi.**

"Il-Qorti wasslet ghal din il-konkluzjoni ghalhiex tali procedura tant irregolari tista' tiftah il-bibien ghall-abbuzi kbar u inholoq precedent perikoluz hafna.

"Illi ghalkemm dan sehh qabel ma tressaq il-Qorti, dan l-interrogatorju jifforma parti mill-*iter* li beda meta r-rikorrent gie identifikat bhala suspett ewlieni sal-prezentata tal-akkuza . Fil-fehma ta' din il-Qorti, l-aspett illegali u abbuziv ta' dan l-interrogatorju huwa serju bizzejjed li jiggustifika dikjarazzjoni ta' lezjoni tad-dritt ghas-smigh xieraq sancit bl-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni allavolja il-kaz ghadu ghaddej.

"Madanakollu billi ma hemm xejn li juri li l-investigazzjoni tal-Pulizija kienet wahda irregolari u abbuziva, l-qorti xorta hi tal-fehma li l-process ghandu jitkompla.

"Fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet hija tal-fehma wkoll li jkun ta' rimedju xieraq u effettiv ghar-rikorrent li tordna li l-Qorti adita bil-proceduri kriminali tisfilza u teskludi kwalsiasi prova ottenuta b'rizultat tal-interrogatorju msemmi".

## L-Appelli

### L-Appell tal-intimati Avukat Generali u tal-Kummissarju tal-Pulizija

4. L-aggravji tal-intimati fil-qosor, huma s-segwenti: [1] li l-ewwel Qorti ma kenitx korretta meta ma laqghetx l-eccezzjoni tal-intempestivita`

b'referenza ghall-lanjanzi kollha li ghamel l-appellat; [2] li l-ewwel Qorti marret oltre dak allegat fir-rikors promotur meta sabet vjolazzjoni tas-subinciz 3 tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni; [3] li l-ewwel Qorti kienet zbaljata fl-interpretazzjoni taghha tad-dritt ghal smigh xieraq fil-kuntest tal-fatti li kellha quddiemha; u, [4] li, in vista tal-fatt li l-ewwel Qorti sabet lezjoni parzjali biss, ma kenitx gusta meta akkollat l-ispejjez gudizzjarji kollha fuqhom

5. Jitolbu ghalhekk lil din il-Qorti sabiex thassar u tannulla dik il-parti tas-sentenza appellata fejn sabet li gew vjolati d-drittijiet fundamentali tal-appellati kif sanciti mill-Artikolu 6 [1] u [3] tal-Konvenzjoni, thassar ukoll dik il-parti fejn l-ewwel Qorti tat rimedju u wkoll fejn ikkundannat lill-intimati jhallsu l-ispejjez kollha, filwaqt li tikkonferma l-kumplament tas-sentenza, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra r-rikorrent.

6. Ir-rikorrent wiegeb ghall-appell tal-intimat b'risposta datata 24 ta' Gunju 2016 li permezz taghha, ghar-ragunijiet hemmhekk esposti, issottometta illi l-appell tal-intimati ghandu jigi michud bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra taghhom.

<u>L-Appell tar-Rikorrent Alfred Zaffarese</u>

7. Dan qed jibbaza l-appell tieghu fuq is-segwenti aggravji: [1] li, skont hu, l-ewwel Qorti skartat diversi punti li hu kien semma fis-

sottomissjonijiet tieghu dwar l-ewwel talba tieghu, u wkoll ma tatx bizzejjed piz lill-gurisprudenza u lill-insenjament l-iktar recenti tal-Qorti Ewropea dwar l-effett ta' pronunzjament minn ufficjali gholja tal-istat dwar kawzi kriminali; [2] li l-konferenza stampa msejjha mill-Ministru Evarist Bartolo dwar il-kaz tat-tbaghbis fil-karti tal-ezami li sar fid-dekasteru tieghu ma kienx hemm lokha u serviet sabiex, ikkonsidrata fid-dawl ta' dak li gie rapportat f'uhud mill-gazzetti lokali, tefghet dell ikrah fuqu bi pregudizzju ghad-dritt tieghu ghal smigh xieraq fil-proceduri kriminali mressqa fil-konfront tieghu; [3] li l-ewwel Qorti ma kellhiex titfa' fuqu l-oneru tal-prova li dak li qal il-Ministru Bartolo, flimkien mar-rapportagg tal-gazzetti, kien ser ikollu impatt negattiv fuq il-kaz kriminali; u, [4] li r-rimedju moghti mill-ewwel Qorti "mhuwiex rimedju" u li hu kellu jinghata rimedju effettiv li jindirizza l-lezjoni konvenzjonali subita minnu.

8. Jitlob ghalhekk li din il-Qorti tikkonferma s-sentenza appellata in kwantu sabet lezjoni tad-drittijiet fundamentali tieghu ghal smigh xieraq skont l-Artikolu 6[1] u [3] tal-Konvenzjoni, filwaqt li thassarha u tirrevokha f'dik il-parti fejn l-ewwel Qorti laqghet l-ewwel eccezzjoni tal-intempestivita` sollevata mill-intimati u konsegwentement, tilqa' t-talbiet kif kontenuti fir-rikors promotur tieghu, issib li kien hemm lezjoni tad-drittijiet fundamentali tieghu u ghalhekk tirrevoka wkoll ir-rimedju moghti fl-istess sentenza u minflok, taghtih rimedju aktar effettiv u konsonanti ghal tali lezjonijiet, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-intimati.

9. L-intimati jwiegbu ghall-appell tar-rikorrent b'risposta datata 27 ta' Gunju 2016 li permezz taghha, ghar-ragunijiet hemmhekk esposti, jissottomettu illi l-appell tar-rikorrenti ghandu jigi michud bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra tieghu.

L-Aggravji

*L-Aggravji tal-Intimati*

*L-Ewwel Aggravju [Intempestivita`]*

10. F'dan l-aggravju l-intimati jilmentaw mill-fatt li, minkejja li l-allegazzjonijiet tar-rikorrent kif imfissra fir-rikors promotur, huma interament mibnija fuq allegat ksur tad-dritt ghal smigh xieraq a tenur tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni, l-ewwel Qorti laqghet l-eccezzjoni taghhom tal-intempestivita` limitatament ghall-artikolu 39[1] tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6[1] tal-Konvenzjoni, salv ghal dak li jirrigwardja l-interrogatorju fuq indikat. L-intimati jissottomettu li l-process penali ghadu pendenti u ghalhekk, l-eccezzjoni taghhom tal-intempestivita` kellha tintlaqa' fir-rigward tal-process kollu, u mhux tigi spezzettata kif ghamlet l-ewwel Qorti li ddistingiwiet bejn s-subinciz 1 u s-subinciz 2 tal-Artikolu 6 fuq citat. Fi kliemhom: "Il-process penali huwa wiehed u, gjaldarba tali eccezzjoni intlaqghet b'referenza ghall-Artikolu

6[1] tal-Konvenzjoni, l-istess eccezzjoni testendi ghal kull allegazzjoni mibnija fuq allegat ksur tad-dritt ghal smigh xieraq".

11. Minn naha tieghu, ir-rikorrent iwiegeb hekk ghall-ewwel aggravju tal-appellanti:

> "...ghal kuntrarju ta' dak sottomess, in linea ta' principju din [l-eccezzjoni tal-intempestivita`] tistgha tigi applikata mill-Qorti kif jidhrilha u ma hemm xejn xi jzommha milli tapplikha fil-mod ta' kif ghamlet. Iktar u iktar meta fil-kaz odjern kien pacifiku bejn il-partijiet li kien hemm zewg mumenti separati u distinti minn xulxin. Ingiebu il-provi dwarhom u fin-noti ta' sottomissjonijiet relattivi hekk gew trattati. Kien f'idejn il-Qorti li tiddeciedi dwar r-rilevanza o meno tal-eccezzjoni tal-intempestivita` u cioe jekk huwiex opportun tenut kont tal-provi prodotti tal-vjolazzjoni tad-drittijiet fundamental tal-esponenti li tindika li lanjanza ghandhiex tigi konsiderata mill-ewwel jew tigix posposta ghal iktar il-quddiem meta l-process kriminali jkun maghluq.
>
> "……. Dan qieghed jigi sottomess mill-esponenti dato non concesso fis-sens li kif kellu l-opportunita li jissottometti fl-appell minnu ntavolat ma jikkondividix l-validita tal- eccezzjoni tal-intempestivita ghar-rigward l-ewwel parti tat- talba tieghu marbuta mal-lezjoni tal-presunzjoni tal-innocenza fil-konfront tieghu meta saret l-konferenza stampa mill-Ministru tal-Edukazzjoni u Xoghol bl-effetti taghha. Ghalhekk huwa f'kull kaz jissottometti li ma kienx hemm lok li l-eccezzjoni tal-intempestivita tigi milqugha ghar-rigward l-imsemmija vjolazzjoni. Aktar u aktar meta l-indikazzjonijiet li jislet l-esponenti huma fis-sens li l-imsemmija Qorti fil- gudizzju taghha ma ddikjaratx li ma kienx hemm vjolazzjoni tad-drittijiet fundamental! imma li kien kmieni wisq biex din tigi trattata."

12. Din il-Qorti tosserva li, ghalkemm huwa minnu li fil-materja tad-determinazzjoni tal-kwistjoni jekk sehhietx lezjoni ta' dritt ta' persuna akkuzata ghal smigh xieraq ir-regola generali hi li l-process kriminali kollu ghandu jigi ezaminat fit-totalita` tieghu[17], izda mill-banda l-ohra huwa rikonoxxut li episodji izolati, kemm matul il-proceduri kriminali, kif ukoll fl-

---

[17] <u>ECHR</u> Van Mechelen and Others v The Netherlands – 23/4/1997 – para. 50

istadju investigattiv jistghu jkunu determinanti ghall-ezitu tal-proceduri sa tali grad li qorti munita b'gurisdizzjoni kostituzzjonali tkun tikkonsidra opportun li tezaminahom fl-istadju qabel il-konkluzjoni tal-proceduri inkwantu jistghu jwasslu ghal sitwazzjoni fejn id-dritt ta' smigh xieraq tal-akkuzat x'aktarx ikun ser jigi lez, f'liema kaz allura l-qrati kostituzzjonali ghandhom jaghtu rimedju opportun f'dak l-istadju. Ezempju li gieli jinqala' fir-rigward huwa l-kaz ta' stqarrija inkriminanti rilaxxjata minn persuna akkuzata fl-istadju investigattiv minghajr ma jkun thalla li dik il-persuna jkollu assistenza legali.

13. Dwar l-ezami tad-dritt ghal smigh xieraq fl-ambitu tas-subinciz 2 tal-Artikolu 6 jinsab ritenut :

> "Article 6 §2 applies not only to "criminal" proceedings in their entirety but also pre-trial and after the criminal proceedings are over, and irrespective of their stage or even their outcome [Minelli v. Switzerland, §§25-41]; the standard of application of Article 6 §2 is thus different from that to be used when applying Article 6 §1. A breach of Article 6 §2 can occur even in absence of a final conviction.
> …
> "In contrast to Article 6 §1, a breach of the presumption of innocence is not assessed against the background of the proceedings as a whole but rather as a separate procedural defect. Emphasis is placed on the phrase at issue by means of cumulative analysis of the following three elements: a] the procedural stage and context in which the statement was made, b] its wording, and c] its meaning [Daktaras, §§42-45].
>
> "Statements expressing a state of suspicion at the time of pretrial investigation do not amount to a breach of the presumption of innocence [Daktaras], but public officials must choose their words carefully when expressing that suspicion [Ismoilov and others v. Russia, §§162-170]; an unqualified statement to the press made by a prosecutor before the start of the proceedings is contrary to the presumption of innocence [Fatullayev v. Azerbaijan, §§159-163]".[18]

[18] Dovydas Vitkauskas & Grigoriy Dikov, **Protecting the right to a fair trial under the European Convention on Human Rights**, Council of Europe human rights handbooks,

14. Jirrizulta ghalhekk mill-premess illi mhux biss allegazzjoni ta' nuqqas ta' smigh xieraq tista', skont il-kaz, tigi trattata fir-rigward tal-varji kapi taghha separatament, izda wkoll illi specifikatament f'dak li jirrigwarda il-presunzjoni tal-innocenza allegata lezjoni ta' dan id-dritt tista' tigi investigata anke fin-nuqqas ta' sentenza finali u anke qabel il-bidu tal-proceduri kriminali.

15. Din il-Qorti ghalhekk ma tara xejn skorrett bil-fatt li l-ewwel Qorti hasset opportun li tindirizza f'dan l-istadju bikri tal-proceduri kriminali, l-ilment tar-rikorrent bazat fuq is-subinciz 2 tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni fil-kuntest ta' dak li kien qal lil-Ministru Evarist Bartolo u tal-fatti li wasslu ghall-proceduri kriminali kontra l-istess rikorrent.

Ghaldaqstant dan l-aggravju mhuwiex gustifikat u qed jigi michud.

*It-Tieni Aggravju [Decizjoni Ultra Petita]*

16. Permezz ta' dan l-aggravju, l-intimati jilmentaw illi l-ewwel Qorti ma setghetx tiddikjara minn jeddha li kien hemm ksur tal-Artikolu 6 [3] tal-Konvenzjoni in kwantu din il-kwistjoni ma giet imqajma minn hadd mill-partijiet waqt il-kawza. Ghalhekk jissottomettu li meta fil-parti dispozittiva tas-sentenza appellata dik il-Qorti sabet ksur tal-imsemmi subinciz, l-

Council of Europe Strasbourg, 2012, Pg 81 - 82

ewwel Qorti harget mill-parametri tal-azzjoni tar-rikorrent u nkorriet fil-vizzju tal-*ultra petitum.*

17. Din il-Qorti tosserva li dan l-aggravju ma jsibx sostenn fl-atti. Fl-ewwel lok u in vena legali din il-Qorti tosserva li llum mhuwa assodat fil-gurisprudenza li l-parametri tal-azzjoni gudizzjarja huma delineati mit-talbiet ta' min jaghmel l-azzjoni ghax il-kontradittorju hu determinat fuq il-bazi tad-domanda hekk kif din tkun giet proposta. Jinsab ritenut li fl-ghoti tad-decizjoni l-gudikant ghandu joqghod rigorosament fil-limiti tal-kontestazzjoni, u in partikolari ta' dak mitlub mill-attur.[19]

18. Fit-tieni lok, u b'mod specifiku ghall-fattispecje tal-kaz odjern, il-Qorti tosserva li mir-rikors promotur, u senjatament fil-paragrafu 2, jirrizulta car u manifest li r-rikorrent qed isejjes il-kaz tieghu fuq zewg artikoli, l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni u fl-ebda stadju ma llimita l-kaz tieghu ghal xi subincizi partikolari. Anzi, ghal kuntrarju, fil-paragrafu sussegwenti, numru 3 tal-istess rikors, fejn allura r-rikorrent jirreferi espressament ghas-subinciz 2 tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni, huwa jghid b'mod car li dak li qed jghid fil-paragrafu 3 huwa "minghajr pregudizzju ghall-generalita` tal-premess".[20]

---

[19] ara fost ohrajn PA **Stephen Sciberras v. Avk. Francesco Depasquale**, deciza 9 ta' Dicembru 2002

[20] Sottolinear ta' din il-Qorti

19. Barra minn hekk, fit-talbiet tieghu r-rikorrent jirreferi ghall-Artikoli 39 tal-Kostituzzjoni u Artikolu 6 tal-Konvenzjoni minghajr ebda limitazzjoni u minghajr indikazzjoni ta’ xi subinciz partikolari, u allura huwa manifest li, ghalkemm messhom jigu indikati s-subincizi invokati, hu qed jitlob li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz fil-kuntest ta’ dawn l-artikoli fl-ambitu shih taghhom. Ghalhekk l-ewwel Qorti kienet qed tagixxi perfettament fil-limiti tal-konstestazzjoni li kellha quddiemha bazati fuq l-artikoli precitati meta sabet ksur tas-subincizi 1 u 3 tal-Artikolu 6 u ma kienx il-kaz ta’ decizjoni *ultra petita.*

20. Il-premess qed jinghad ghall-finijiet tal-kompletezza ghax kif ser jigi spjegat aktar ’il quddiem din il-Qorti ma taqbilx ma’ dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-ewwel Qorti rravizat ksur tal-artikolu u tas-subinciz fuq citati.

21. Ghaldaqstant dan l-aggravju mhuwiex gustifikat u qed jigi michud.

*It-tielet aggravju [Interrogazzjoni]*

22. F’dan l-aggravju l-intimati jikkontendu illi l-ewwel Qorti kienet zbaljata fl-interpretazzjoni taghha tad-dritt ghal smigh xieraq fil-kuntest tal-fatti li kellha quddiemha meta kkonkludiet li l-interrogazzjoni minn Peter

Paul Zammit li sehhet fit-18 ta' April 2013 illediet id-dritt tar-rikorrent ghal smigh xieraq.

23. L-intimati ikomplu jfissru hekk l-aggravju taghhom:

"l-ewwel Qorti sabet lezjoni naxxenti minn 'interrogazzjoni' liema 'interrogazzjoni' kienet biss inkontru li ma wassal ghat-tehid ta' l-ebda stqarrija…..min imkien mill-provi ma jirrizulta li dan l-inkontru b'xi mod wassal sabiex l-appellat jaghti xi stqarrija jew li jitressaq akkuzat b'reat.

"Illi minn harsa lejn il-provi prodotti jirrizulta li l-unici zewg stqarrijiet li ttiehdu mill-Pulizija kienu tnejn li t-tnejn ittiehdu fil- gumata tat-28 ta' Marzu 2013. Illi dawn l-istqarrijiet li ttiehdu mill- Ispettur Anne Marie Xuereb li kienet l-ufficjal responsabbli mill- investigazzjoni gew esebiti fil-proceduri odjemi minn fejn jirrizulta li dawn l-istqarrijiet ma ttiehdux fil-presenza ta' Peter Paul Zammit. L-Ispettux Xuereb fis-seduta tas-7 ta' Mejju 2015 iddijarat illi « ittehdulu zewg stqarrijiet Sinjura Mhallef, ittiehdulu wiehed dak inhar ma ' l-arrest tieghu u cioe ' fit-28 ta ' Marzu 2013 ». Ix-xhud ikkonfermat li meta ttiehdet l-ewwel stqarrija « Prezenti kienu waqt l-istqarrija konna jiena, dak iz-zmien kont ghadni Micallef Sinjura Mhallef, jigifieri ser tarani Anne Marie 'Micallef', Alfred Zaffarese owjament, u s-Surgent PS 1579 Johann Mifsud. Ghat-tieni stqarrija kien prezenti l-istess kien irrifjuta d-dritt ta' l-avukat Alfred Zaffarese, u fit-tieni stqarrija kien prezenti apparti jiena jigifieri u Alfred Zaffarese, is-Supretendent Paul Vassallo ». Ix- xhud ghamlitha cara li l-ebda stqarrija ohra ma ttiehdet wara dawn iz-zewg stqarrijiet.

"Illi f kuntest ta' investigazzjoni, interrogatorju huwa sinonimu ma' stqarrija fejn l-ufficjal investigattiv jaghmel sett ta' domandi li jigu redatti fi stqarrija u li ghalihom l-persuna li tkun qed tigi nvestigata tirrispondi jew taghzel li ma tirrispondix. …….l-ewwel Qorti ikkoncediet li l-inkontru ma' Peter Paul Zammit « ma taqbilx li dan il-fatt tabilfors ser iwassal ghal-lezjoni tas- smigh xieraq fil-process kriminali pendenti anke stante l-konsiderazzjoni li dawn il-proceduri ghadhom qed jinstemghu » kif ukoll li l-istqarrijiet ittiehdu mill-Ispettur investigattiv [Spettur Xuereb gia' Micallef] if ukoll li l-investigazzjoni kienet maghluqa sa mill-4 ta' April 2013 tant hu hekk li l-ewwel Qorti osservat illi « Ghalhekk mhxu il-kaz li l-interrogazzjoni ta ' Peter Paul Zammit wasslet ghall-proceduri kriminali». Illi gialadarba ghamlet dawn l- osservazzjonijiet kif setghet l-ewwel Qorti tasal ghall-konkluzjoni li sehh lezjoni tad-dritt ghal smigh xieraq ? L-uniku raguni li tat l- Ewwel Qorti ghal tali lezjoni hija li fil-fehma taghha «l- interrogazzjoni li saret minn Peter Paul Zammit kienet wahda illegali u abbuziva billi ma kellux awtorita ' ezekuttiva mehtiega bil-Ligi». Illi bir-rispett kollu, l-appellanti jissottomettu li anke jekk dak ravvizat mill-ewwel Qorti huwa minnu [li fil-fehma tal- appellanti

mhuwiex kif ser jigi spjegat aktar '1 isfel fdan l- aggravju] xorta wahda ma jistax iwassal ghal sejbien ta' lezjoni tad- dritt ta' smigh xieraq. Illi kif diga' ntqal l-investigazzjoni kienet konkluza sa mill-4 ta' April 2013 liema investigazzjoni saret mill- Ispettur Xuereb kif ukoll l-istqarrijiet ittiehdu mill-istess Spettur Xuereb stess. Illi certament li jekk saret 'interrogazzjoni' illegali u abbuziva liema interrogazzjoni l-appellanti jikkontendu li ma saritx kif jista' jwassal ghal lezjoni tal-garanziji tad-dritt ghal smigh xieraq jekk l-inkontru li minnu qed jilmenta l-appellat ma wassal imkien gialadarba l-investigazzjoni kienet maghluqa? X'lezjoni soffra l-appellat ? Lanqas fix-xhieda moghtija mill-istess appellat ma accenna ghal dak li ntqal fdan l-inkontru tant dan l-inkontru ma kienx interrogazzjoni. Illi anke fil-provi prodotti quddiem l-ewwel Qorti ma rrizulta minn imkien li b'xi mod dak li ntqal fl-inkontru intuza fd-proceduri kriminali pendenti kontra l-appellat. Illi aktar minn hekk, jekk l-appellat huwa tal-fehma li kien hemm xi agir illegali jew abbuziv minn xi persuna certament li tali agir illegali jew abbuziv setgha gie attakkat b'mod ordinarju u mhux tramite proceduri kostituzzjonali."

"L-appellanti jissottomettu wkoll li l-ewwel Qorti ma tatx id-dovut konsiderazzjoni ghall-fatt li l-hatra ta' Peter Paul Zammit fil-kariga ta' Kummissarju tal-Pulizija saret b'effett mit-13 ta' April 2013 li jfisser li ma kenitx korretta l-ewwel Qorti meta osservat li dak li ghamel Peter Paul Zammit fit-18 ta' April 2013 ghamlu fil-vesti personali tieghu jew b'abbuz. Illi dan johrog mix-xhieda moghtija minn Christine Schembri [Segretaiju Ezekuttiv tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku] fejn ikkonfermat illi Peter Paul Zammit « on the 12th April 2013 gie reemployed bhala Supretendent tal- Pulizija, ir-rank illi kien fih meta irtira ». Spjegat ukoll li dan sar « B'effett mit-12 ta' April tat-2013 ». L-istess xhud spjegat illi «Imbaghad fit-13 ta' April 2013 kien hemm it-termination, il- Kummissjoni ghamlet ir-recommendation tat-termination ta' l- appointment ta ' Mr John Rizzo li kien Former Commissioner, u fl-istess data - b 'ejfett minn l-istess data s-sur Rizzo gie mahtur bhala Head of Civil Protection; u b 'effett minn l-istess gurnata ukoll jigifieri fit-13 ta' April is-Sur Peter Paul Zammit li kien Supretendent allura gie mahtur Kummissarju tal-Pulizija ». L- Ewwel Qorti osservat li l-hatra tal-Kummissarju Peter Paul Zammit gie approvat mill-Prim Ministru fuq il-parir tal-PSC fit-22 ta' April 2013. L-appellati ma jaqblux ma din l-interpretazzjoni tal-ewwel Qorti u dan stante li kemm ir-rakkomandazzjoni kif ukoll il-hatra saret « with effect from 13 April 2013 ». Illi gialadarba kemm ir- rakommandazzjoni kif ukoll il-hatra timponi tali data ghall-effett tal-hatra u cioe' it-13 ta' April 2013, l-ewwel Qorti kienet zbaljata meta nterpretat li l-hatra ufficjali saret fit-22 ta' April 2013.

24. Ir-rikorrent iwiegeb ghal dan l-aggravju kif gej:

"...bhala punt ta' partenza ma ghandux jigi accettat li kariga kostituzzjonali, parti mill- istituzzjonijiet tal-pajjiz bhal dik ta'

Kummissarju tal-Pulizija jistgha jkun accettat li hemm l-possibilita li d-data tal-hatra tkun wahda retroattiva. Tistgha tkun hekk mhux ghall-ezercizzju tal-funzjonijiet taghha imma limitatament ghal dawk ta' hlas ta' salarju. L-esponenti jissottometti li l-ewwel Qorti gustament waslet ghall-konkluzjoni li kien jkun gravi u perikoluz li l-Qrati taghna jaccettaw dan l-punt. Biex imhallef, magistral ministru tal-istat, segretarju parlamentari, ombudsman, awditur generali jibdew l-kariga taghhom s-soltu jinghataw l-gurament u jibdew l-hidma minn dik il-gurnata. Hekk biss l-hidma taghhom hija protetta mill-aspett kostituzzjonali. Mill-atti hareg car li Pietru Pawl Zammit beda jagixxi u jezercita l-funzjoni ta' Kummissarju meta ma kienx hekk appuntat kif il-Public Service Commission stabbiliet. Tant li l-istess Qorti kif l- esponenti jikkondividi sejhet dan "illegali u abuziv" u kienet korretta iktar ghax l-kodici penali taghna huwa rigoruz fuq min ghandu tali poteri u hemm disposizzjonijiet iktar cari fuq min jabbuza minnhom.

"It-tieni l-esponenti ressaq prova cara li meta l-imsemmi ma kienx kostituzjonalment mahtur sejjah lill-esponenti fl- ufficcju tieghu fil-kwartieri generali tal-Pulizija. Sejjahlu kjarament biex jistaqsih mill-gdid dwar il-fatti tal-kaz. Din ma kienetx xi diskussjoni bejn il-hbieb jew in segwitu ta' talba ghall-appuntament da parti tal-esponenti fuq xi suggett iehor. Kienet sejha diretta sabiex l-esponenti jigi mgharbel miil-gdid issa taht l-mohh u d-domandi tal-istess Pietru Pawl Zammit. L-esponenti ma jhossx li huwa normali u accettabbli li cittadini jigu msejha fil-Kwartieri tal-Pulizija u jigu sottoposti ghal domandi minn persuna li ma hiex kummissarju pero' qieghdha tezercita l-istess poteri. Anqas ma ghandu incident bhal dan jigi deklassat jew aghar trivalizzat fuq jekk kemm-il-darba kienx hemm stqarrija jew interrogazzjoni. Zgur li dak li sehh ma kienx xi process ta' djalogu jew konsultazzjoni imma interrogazzjoni dwar dak li l-esponenti gie akkuzat bih. Huwa f'dan il-kuntest immaterjali jekk kienx hemm stqarrija, li setghet saret kienu irrizultaw fatti godda li qabel ma kienux irrizultaw.

"F'dan anqas ma ghandu jigi accettat l-argument li la darba l- abbli spettrici kienet "ghalqet" l-kaz allura dak li sehh ma kienx gravi. L-esponenti f'dan umilment jissottometti li kieku l-process ta' investigazzjoni kien inghalaq verament hadd ma kien jhoss l-bzonn li jsejjahlu mill-gdid. Din id- darba mhux quddiem spettrici, anqas quddiem superintendent, anqas quddiem assistent-kummissarju, imma quddiem l-Kummissarju tal-Pulizija. Xi raguni partikolari kien hemm biex dan jsir. Iktar u iktar meta huwa ben maghruf li l-maggoranza assoluta tal-kazijiet investigati rarament jsibu ruhhom fuq l-iskrivanija tal-Kummissarju tal- Pulizija. Ghalhekk l-appellanti qed jitolbu effettivament lil din l-Onorabbli Qorti tiddikjara dak li effettivament sehh bhala dak li ma sehhx."

25. Fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu fir-rigward, ir-rikorrent jispjega hekk din il-vertenza solevata minnu:

> "Illi interrogazzjoni hija parti importanti li taghti hafna drabi bidu ghat-triq li twassal ghall-proceduri kriminali u li hija protetta wkoll mill-artikolu 6 tal-Konvenzjoni li joffri protezzjoni li tibda mill-mument fejn l-akkuzat jigi notifikat li qieghed jigu ssuspettat u din l-istess protezzjoni tkompli waqt l-interrogazzjoni anke jekk il-persuna ghadha mhix ufficjalment mgharfa bhala l-akkuzat"

26. Ir-rikorrent ikompli jispjega li mill-atti jirrizulta li fil-kaz odjern Pietru Pawl Zammit la kien f'posizzjoni li jaghmel interrogazzjoni u wisq anqas li jzommu f'forma ta stat ta' arrest u "hawnhekk qieghed jigi sottomess li nkisru id-drittijiet fondamentali [tar-rikorrent] imhaddna fil-Kostituzzjoni fejn l-artikolu 34 jispecifika li "Kull min ikun arrestat jew detenut illegalment minn xi persuna ohra jkollu dritt ghal kumpens ghal hekk minn dik il-persuna."

*Konsiderazzjonijiet tal-Qorti*

27. Din il-Qorti tibda bl-osservazzjoni li, dak li fis-sustanza ghandu jigi trattat u deciz fil-parametri mfassla fir-rikors promotur, mhuwiex jekk l-agir da parti ta' Peter Paul Zammit fil-konfront tar-rikorrent, meta dan kien diga investigat mill-pulizija, kienx legali jew abbuziv skont il-ligi ordinarja jew jekk kienx vjolattiv tal-Artikolu 34 tal-Kostituzzjoni, izda jekk il-kontenut diskuss f'dak l-inkontru kienx tali li ippregudika l-posizzjoni tar-rikorrent b'mod li dan ikun issubixxa lezjoni fid-dritt tieghu ghal smigh xieraq. Ghalhekk sabiex ir-rikorrent jirnexxi fit-tezi tieghu dak li jehtieg li jipprova fir-rigward huwa jekk dak il-fatt kienx pregudizzjevoli ghal kaz tieghu fil-

kuntest ta' dan id-dritt fundamentali. Din il-Qorti tosserva li mill-provi dan ma rrizultax. Meta sar dan l-inkontru, il-kaz kontra r-rikorrent minn naha tal-pulizija kien diga' maghluq u kien diga nghata wkoll il-parir tal-Avukat Generali, sabiex il-pulizija tipprocedi kriminalment.

28. Barra minn hekk, kif jirrizulta mill-affidavit tal-istess rikorrenti dan ma qal xejn li ma kienx qal qabel lill-pulizija. Fi kliemu "Meta kont ghidtlu dak kollu li kont diga' ddikjarati qabel, fl-ahharnett huwa taghni parir sabiex immur infittex avukat".[21] Tant hu minnu li minn dan l-inkontru ma hareg xejn gdid li lir-rikorrent ma ttiehditlux stqarrija, u ghalhekk din il-Qorti ma tistax tifhem kif ir-rikorrent qed jippretendi li b'dan l-inkontru gie lez id-dritt tieghu taht l-Artikolu 6, ghax sabiex l-ilment tar-rikorrent fir-rigward jista' jkollu xi forma ta' piz kellu jirrizulta mill-provi li huwa sofra jew almenu jista' jsofri dannu ghall-kaz tieghu, liema prova ma gabhiex u lanqas allegaha fix-xhieda tieghu. Dan forsi jispjega ghaliex fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu huwa rrefera ghal din il-parti tal-kawza fil-kuntest tal-Artikolu 34 tal-Kostituzzjoni, li pero` jezorbita mill-parametri tal-azzjoni odjerna.

29. Ghalhekk fic-cirkostanzi din il-Qorti ma taqbilx mal-ewwel Qorti li l-inkontru jew l-interrogatorju maghmul mill-imsemmi Peter Paul Zammit meta dan ma kienx ghadu ufficjalment mahtur fil-kariga ta' Kummissarju ta' Pulizija kien vjolattiv tad-dritt tieghu protett bl-Artikolu 6 fis-subincizi 1 u

[21] Fol.78 – Sottolinear tal-Qorti

3, *multo magis* meta l-process kriminali kien ghadu ma bediex u r-rikorrenti ghad ghandu d-dritt li jressaq il-provi tieghu kemm sabiex jikkorrobora t-tezi fattwali tieghu kif ukoll li jikkontrasta elementi ta' prova mressqa kontra tieghu.

30. Ghaldaqstant dan l-aggravju qed jitqies gustifikat u qed jigi milqugh.

*Ir-raba' aggravju [Spejjez]*

31. F'dan l-aggravju l-intimati jikkontendu li l-ewwel Qorti ma kenitx gusta meta, minkejja l-fatt li sabet biss lezjoni parzjali mill-ilmenti migjuba mir-rikorrent, allokatilhom l-ispejjez kollha ta' dawn il-proceduri; l-ispejjez kellhom jigu divizi sabiex jirriflettu s-sejbien tal-vjolazzjoni ravvizata.

32. Ir-rikorrent iwiegeb ghal dan l-aggravju billi jghid illi l-ewwel Qorti kienet korretta meta allokat l-ispejjez lill-intimati in kwantu ghalkemm laqghet it-tieni talba tieghu pero` zammet impregudikata l-ewwel wahda meta ddikjarat l-azzjoni parzjalment intempestiva.

33. Din il-Qorti tosserva li, ladarba kif fuq spjegat, ma tirrizultax lezjoni tad-dritt tar-rikorrent kif sancit fl-artikoli kosituzzjonali u konvenzjonali indikati fir-rikors promotur u li ghalhekk it-talbiet tieghu qed jigu michuda, l-ispejjez kollha tal-ewwel istanza ghandhom ikunu a kariku tar-rikorrent.

34. Ghaldaqstant dan l-aggravju huwa gustifikat u qed jigi milqugh.

<u>*L-Aggravji tar-Rikorrent*</u>

*L-Awwel Aggravju [Punti mhux trattati]*

35. Ir-rikorrent ifisser hekk l-ewwel -aggravju tieghu:

> "a. Preliminarjament l-esponenti umilment jissottmetti li l- ewwel Qorti ma ratx bizzejjed fid-dettal u konsegwentement skartat diversi punti li gew mresqa mill-esponenti fin-nota ta' sottomissjonijiet li giet presentata fit-28 ta' Jannar 2016 u dan senjtament rigward l-ewwel talba tal-esponenti. Il- gurisprudenza hemm citata u l-insenjament l-iktar recenti tal-Qorti Ewropea huma cari u inekwovoci dwar l-effett ta pronunzjamenti minn ufficjali gholja tal-istat dwar kawzi kriminali. Dawn fl-umili sottomissjoni tal-esponenti ma gewx moghtija l-piz legali li jixirqilhom".

36. Fir-rigward din il-Qorti tosserva li mhu minnu xejn li l-ewwel Qorti "skartat diversi punti" imressqa minnu fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu, kif ukoll gurisprudenza tal-Qorti Ewropea hemm indikata. Jigi osservat li r-rikorrent ma jindikax liema huma l-punti u l-kazistika li qed jsostni li gew skartati mill-ewwel Qorti. Ghal kuntrarju ta' dak sottomess minnu, mis-sentenza appellata jirrizulta car li l-ewwel Qorti ezaminat ezawrjentement il-kaz mill-aspetti kollha fattwali u legali tieghu u trattat il-punti kollha sottomessi mir-rikorrent, li fis-succint huma: li persuni li jokkupaw certu posizzjonijiet ufficjali ghandhom juzaw kawtela f'dak li jghidu biex jevitaw li dak li jghidu fi stqarrija tkun tirrifletti opinjoni ta' htija[22]; li m'ghandhiex

[22] Daktaras v Lithuania 42095/98, 17 Jannar 2001

issir kampanja shih u sistematika ta' pubblicita`[23]; li ufficjali pubblici m'ghandhomx jaghmlu stqarrijiet "which encourage the public to believe the suspect guilty and prejudge the assessment of the facts by the competent judicial authority"[24] u li l-informazzjoni trid tinghata "with discretion and circumspection necessary if the presumption of innocence is to tbe respected".[25] B'referenza ghall-kaz Q.Kos. **Il-Pulizija v. Dr. Noel Arrigo et** deciza fid-29 ta' Otubru 2003 ir-rikorrent jenfasizza li f'dak il-kaz il-prezunzjoni tal-innocenza tista' tigi vjolata anke jekk "there is some reasoning to suggest that the official regards the accused as guilty". Din il-Qorti tosserva li minn qari tas-sentenza appellata jirrizulta car li dawn il-punti sollevati gew ikkonsidrati mill-ewwel Qorti.

37. Fl-ahhar nett, jinghad, ghall-finijiet tal-kompletezza, li l-qorti mhijiex obbligata li fis-sentenza taghha ssemmi dak kollu li semmew il-partijiet fin-noti ta' sottomissjonijiet taghhom, u huwa bizzejjed li ssemmi s-sustanza tal-argumenti avvanzati minnhom. Barra minn hekk il-fatt li certu punti ma ssemmewx espressament fis-sentenza appellata ma jfissirx li l-ewwel Qorti ma kenitx ikkonsidrathom. Dan japplika b'izjed qawwa fil-kazijiet fejn bhal f'dak odjern l-ewwel Qorti fil-parti preambolari taghha tghid espressament li rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet kif ukoll semghet it-trattazzjonijiet tad-difensuri tal-partijiet [li giet registrata fuq is-sistema eletronika].

[23] Lawrence Pullicinoo v The Hon.Prime Minister et, 18 Awissu 1998
[24] Allenet de ribemont vs France, deciz 23 Jannar 1995
[25] Ibid

38. Ghaldaqstant dan l-aggravju mhuwiex gustifikat u jirrazzenta l-fieragh.

*It-Tieni Aggravju [Konferenza Stampa u Press Release]*

39. Dan hu fis-sens li r-rikorrent ihoss li b'dak li ntqal fil-konferenza stampa mizmuma mill-Ministru l-ghada li r-rikorrent kien tressaq il-qorti mixli b'reati konnessi mall-fatti li sehhew dwar ezamijiet mizmuma taht id-dekasteru tieghu, huwa sofra pregudizzju fid-dritt tieghu li jigi meqjus innocenti qabel ma jigi misjub hati. Ir-rikorrent isostni li lanqas kien hemm il-lok li ssir il-konferenza stampa u li lilu ghamlitlu hsara anke ghar-reputazzjoni tieghu minkejja li ma kien ghadu nstab hati ta' xejn ghax il-proceduri kriminali kienu ghadhom fl-istadju bikri.

40. Fl-ewwel lok din il-Qorti tirribadixxi li bhala qorti ta' revizjoni ma tiddisturbax leggerment l-apprezzament tal-provi maghmul mill-ewwel Qorti, sakemm ma jigix muri li kien sar zball manifest li jekk ma jigix rettifikat parti jew ohra ser issofri ingustizzja. Ghalhekk jekk din il-Qorti, wara li tkun regghet gharblet il-provi, tkun tal-fehma li fuq il-provi li kellha quddiemha l-ewwel Qorti setghet ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, dik il-konkluzjoni ghandha tigi rispettata.

41. Fit-tieni lok, u in tema legali, huma rilevanti s-segwenti principji legali:

42. L-awturi Harris O'Boyle and Warbrick b'referenza ghad-dritt sancit bl-Artikolu 6[2] jghidu:

> "...in *Daktaras vs Lithuania*[26] the Court found no breach of Article 6[2] when a prosecutor indicated that the applicant was guilty in his decision to refuse an application for discontinuance of the prosecution. The Strasbourg Court drew a distinction between public statements made in a context, such as a press conference, that was separate from the court proceedings concerning the applicant, and statements, such as that by the prosecutor, that were part of those proceedings.
> …...
> "The Court has recognised that, as well as statements by judges or other public officials, a 'virulent press campaign' may raise issues under Article 6[2] so that the state has an obligation to take steps to control them.
>
> ...the Court has stressed that in accordance with freedom of expression, some press comment on a trial involving a matter of public interest must be expected[27] and that its impact is likely to be limited where the trial takes place a considerable time later.[28] In addition the test is not the 'subjective apprehensions' of the suspect as to the impact of the comment, but whether 'his fears can be held to be objectively justified".[29] [sottolinear tal-Qorti]

43. B'zieda ma' dan Karen Reid, b'referenza ghas-sentenza tal-Qorti Ewopeja fl-ismijiet *Allenet de Ribemont vs France* tghid illi:[30]

> "Since the declaration of guilt was made without any qualification or reservation and encouraged the public to believe the applicant guilty in prejudgment of the assessment of the facts by the competent judicial

[26] 2000-X, 34 EHRR 1466
[27] See eg, Papon v France [No 2] No 54210/00 hudoc [2001] DA. See also Sunday Times v UK [No 1] A30 [1979]; 2 EHRR 245, in which a conviction for criminal contempt for comment on pending criminal litigation was contrary to the guarantee of freedon of speech in Article 10.
[28] GCP v Romania hudoc [2011]
[29] GCP v Romania hudoc [2011] para 46
[30] Karen Reid, **A Practioner's Guide to the European Convention on Human Rights**, Sweet & Maxwell, fourth edition 2011, Pg 222

> authority, there was a violation, which was not cured by the fact that the applicant was later released by the judge for lack of evidence. The Court emphasizes, however, that statements must be taken in their context, giving some allowance for infelicitous phrasing". [sottolinear tal-Qorti]

44. Fl-isfond tal-premess, din il-Qorti taqbel mal-ewwel Qorti illi l-Artikolu 6[2] ma jzommx lill-persuni fdati bit-tmexxija tal-Gvern milli jinformaw il-pubbliku b'akkadut li jista' jkun ta' thassib jew anke ta' interess ghall-pubbliku in generali. Trid tinzamm pero` dik ic-cirkospezzjoni u d-diskrezzjoni necessarja sabiex il-liberta` tal-espressjoni ma timpingiex fuq id-dritt tal-presunzjoni tal-innocenza tal-applikant.

45. Fil-kaz odjern, din il-Qorti tibda bl-osservazzjoni li, mhux talli l-konferenza stampa ma kenitx kontro-indikata fic-cirkostanzi, izda fil-fehma tal-Qorti setghet titqies bhala mankanza da parti tal-Ministru li kieku dan naqas milli jinforma lill-pubbliku b'dak li allegatament sehh f'materja daqshekk ta' fiducja u li taqa' taht id-dekasteru tieghu u jinforma lill-pubbliku x'mizuri amministrattivi kienu ser jittiehdu ghall-futur.

46. Din il-Qorti, b'referenza ghall-atti relattivi, tikkondividi l-konkluzjoni tal-ewwel Qorti li la l-kontenut tal-konferenza stampa u lanqas tal-press release mahruga mid-dipartiment tal-informazzjoni ma vvjolaw il-principju tal-presunzjoni tal-innocenza tar-rikorrent. Kif senjalat mill-ewwel Qorti mill-provi kif johorgu mid-DVD[31] esebit dwar ir-rapportagg mill-Public

[31] Fol.23 – Sottolinear ta' din il-Qorti

Broadcasting Services Ltd. tal-konferenza stampa fl-ahbarijiet, la ssemma isem ir-rikorrent u lanqas ittiehed bhala fatt kompjut li l-fatti sehhew kif allegati. Di fatti l-Ministru gie rapportat li qal li "*ser ihalli lill-pulizija taghmel xogholha u mhux ser jidhol fil-meritu tal-investigazzjoni*". Huwa kompla jghid li "*ser jaghti ordni lill-Bord tal-ezamijiet biex jevalwa l-process u l-affarijiet isiru b'integrita` u b'onesta' u li l-marki igibuhom fuq kif marru fl-ezami u mhux bit-tbaghbis*". Din il-Qorti ma tarax kif dan id-diskors jista' validament jigi meqjus bhala censurabbli mill-aspett tad-dritt fundamentali li minnu qed jilmenta r-rikorrent. Inoltre, fil-*press release* li harget dakinhar stess hemm espressament indikat li l-mizuri amministrattivi li ser jiehu l-Ministru kien qed isiru "in the light of a police investigation on <u>alleged</u> irregularities in civil service examination".[32]

47. Barra minn hekk jirrizulta mir-rapportagg tal-konferenza stampa fil-gazzetta *The Sunday Time of Malta* li harget l-ghada li nghatat il-konferenza stampa li, wara li l-Ministru informa li almenu persuna kienet ser titressaq quddiem il-Qorti in konnessjoni ma' dak allegat, l-istess Ministru ghamel enfasi ["stressing"] tal-fatt li "*everyone was innocent until proven guilty*". Ghalhekk minn din il-prova jirrizulta li, mhux biss il-Ministru ma ddikjarax li r-rikorrent "*instab* hati" kif qed isostni r-rikorrent fl-aggravju tieghu, talli enfazizza li l-*investigazzjonijet* kienu ghadhom ghaddejjin u li l-prezunzjoni tal-innocenza ta' min tressaq il-Qorti kienet ghadha tipprevali, u zgur ma jistghax jinghad li b'dak li qal il-Ministru

[32] Fol.28

"*encouraged the public to believe him guilty and, secondly prejudged the assessment of the facts by the competent judicial authority*".[33]

48. Fid-dawl tal-premess din il-Qorti ma tarax li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-fatti li kellha quddiemha. Mill-fatti premessi dik il-Qorti setghet ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, jigifieri li ma giex provat sodisfacentement li dak li ntqal mill-Ministru jista' b'xi mod jitqies bhala vjolattiv tal-principju ta' smigh xieraq taht is-subinciz 2 fuq tal-artikolu fuq indikat.

49. Fir-rigward ta' dak li gie rapport f'gazzetti lokali ohra fejn ixxandar l-isem tar-rikorrenti in konnessjoni mar-reati li gie akkuzat bihom, din il-Qorti tosserva li mix-xhieda jirrizulta car li dawk ir-rapporti ma kienux bazati biss fuq dak li ntqal fil-konferenza stampla izda kienu bazati fuq informazzjoni ulterjuri li l-artikolisti kienu gabru rizultat ta' gurnalizmu investigattiv; ta' dan m' ghandux jirrispondi l-Ministru koncernat li r-responsabbilita` tieghu testendi biss ghal dak li qal fil-konferenza stampa u fil-press release mahruga mid-dekasteru tieghu.

50. Barra minn hekk, il-Qorti tosserva li mir-rikors promotur jirrizulta car li dak li r-rikorrent qed ipoggi bhala bazi tal-azzjoni tieghu, ma kienux ir-rapporti fil-gazzetti u fil-medja ohra lokali, izda d-diskors tal-Ministru matul il-konferenza stampa "u f'okkazzjonijiet ohra" u ghalhekk l-ilment tar-

[33] Allenet de Ribemont v France para.41

rikorrent li hu hassu aggravat minn certu rapporti li deheru fuq il-medja jezorbita mill-parametri tal-azzjoni odjern.

51. Ghaldaqstant dan l-aggravju huwa infondat u qed jigi michud.

*It-Tielet Aggravju [Oneru tal-Prova]*

52. Dan hu dirett lejn dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-ewwel Qorti kkonsidrat li "ir-rikorrenti kellu jipprova li r-rapporti fil-medja hallew l-impatt taghhom fuq l-imparzjalita` tal-gudikant izda ma ressaqx l-icken prova fir-rigward."

53. Din il-Qorti tibda bl-osservazzjoni li l-ezami li ghandu jsir f'kazijiet kongruwi mhuwiex tas- "…subjective apprehensions of the suspect as to the impact of the comment"[34] u lanqas hu mistenni li r-rikorrent itella' xhieda in sostenn tat-tezi tieghu li hu kien fil-fatt gie pregudikat, izda t-test li ghandu jsir hu "whether his fears can be held to be <u>objectively justified</u>". Fil-kaz odjern, kif fuq spjegat, ma rrizultax li, minn dak li qal il-Ministru, l-biza' tar-rikorrent li d-dritt tieghu tal-prezunzjoni tal-innocenza jigi miksur, hija oggettivament gustifikata.

54. Ghaldaqstant dan l-aggravju huwa nfondat u qed jigi michud.

[34] Harris O Boyle - Supra

*Ir-Raba' Aggravju [Rimedju]*

55. Dan hu bazat fuq ir-rimedju moghti mill-ewwel Qorti dwar is-sejba ta' lezjoni tad-dritt ta' smigh xieraq tar-rikorrent fil-kuntest tas-subincizi 1 u 3 tal-Konvenzjoni rifferibbilment ghall-inkontru li dan kellu ma' Pietru Pawl Zammit.

56. Din il-Qorti tosserva li, ladarba f'dan il-gudizzju ma giet riskontrata ebda vjolazzjoni tad-dritt fundamentali tar-rikorrent fil-kuntest tal-artikoli kostituzzjonali u konvenzjonali indikati minnu fir-rikors promotur, mhux il-kaz li titratta dan l-aggravju ulterjorment.

<u>Decide</u>

Ghar-ragunijiet premessi tiddeciedi dwar l-appell principali tal-intimati billi tilqghu limitatament billi tirrevoka dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-ewwel Qorti sabet ksur tal-Artikoli 6[1] u [3] tal-Konvenzjoni u minflok, tiddikjara li f'dan l-istadju r-rikorrent ma sofriex ksur tad-dritt fundamentali tieghu protetti bl-artikoli indikati minnu fit-talbiet dedotti fir-rikors promotur tieghu; tiddeciedi dwar l-appell principali tar-rikorrenti billi tichdu fl-intier tieghu;

tikkonferma s-sentenza ghall-bqija, salv dak li ser jinghad dwar il-kap tal-ispejjez;

tordna li l-ispejjez tal-ewwel istanza jithallsu kollha mir-rikorrent, u dawk relatati mal-appelli jithallsu, in kwantu ghall-appell tal-intimati miz-zewg partijiet bi kwoti ugwali bejniethom, filwaqt li l-ispejjez relatati mal-appell ta-rikorrent ghandhom jithallsu kollha mill-istess rikorrent.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imhallef | Noel Cuschieri<br>Imhallef |

Deputat Registratur
mb/df